# *Nella lingua nostra nativa:* L-Użu tal-Malti fil-Proċessi ta' l-Inkwiżizzjoni Rumana f'Malta

Mario CASSAR, M.A.
*Department of Maltese, University of Malta Junior College, Malta*
e-mail: mario.cassar@um.edu.mt

**Astratt:** *F'Malta l-Inkwiżizzjoni Rumana kienet attiva bejn l-1561 u l-1798. Mil-lat lingwistiku, id-dokumenti tat-Tribunal lokali jistgħu jkunu utli ħafna għax il-kanċilliera (jew nutara), speċjalment f'każijiet ta' dagħa, stqarrijiet eretiċi, u skonġuri ġie li kitbu frażijiet, espressjonijiet, sentenzi, u saħansitra orazzjonijiet sħaħ bil-Malti f'testi li altrimenti kienu bit-Taljan. Għalhekk il-proċessi nnifishom jitfgħu dawl importanti fuq il-Malti mitħaddet fi żmien il-Kavallieri, għax il-kliem hu meħud direttament minn fomm il-poplu u mhux minn studji lingwistiċi jew testi letterarji.*

**Keywords:** *Inkwiżizzjoni Rumana, Ilsien Malti, ortografija, dagħa, ereżiji, inkanteżmi, sħarijiet.*

## 1. L-Inkwiżizzjoni Rumana

L-Inkwiżizzjoni Rumana, magħrufa wkoll bħala s-Sant'Uffizzju, u għaldaqstant distinta mill-Inkwiżizzjoni Medjevali u mill-Inkwiżizzjoni Spanjola, kienet l-arma ewlenija tal-Knisja Kattolika intiża biex tikkumbatti t-tagħlim 'żbaljat' tar-Riforma Protestanta. Kienet stabbilita uffiċjalment fil-21 ta' Lulju, 1542 mill-Papa Pawlu III bis-saħħa tal-bolla *Licet ab Initio*. Il-Knisja riedet teradika kull ħjiel ta' dubju teoloġiku u fl-istess waqt tasserixxi d-dommi u r-riti liturġiċi tagħha.[1] Il-ġerarkija ekkleżjastika kienet iċċentralizzata biex taddotta linja aktar offensiva u militanti. Fl-ambitu ta' dan il-programm, l-iskop ta' l-Inkwiżizzjoni, għalhekk, kien li tikkontrolla b'kull mod possibbli t-twemmin u l-kultura reliġjuża ta' l-Insara, skond kif eventwalment definiti fl-atti tal-Konċilju ta' Trentu (1545–63). Il-makkinarju tal-Kontro-Riforma kien jgħasses kontra kull sura ta' attività 'eretika': diġà, tagħlim qarrieqi, apostasija, bigamija, qari ta' kotba pprojbiti,

[1] Il-kelma 'inkwiżizzjoni' aktarx intużat għall-ewwel darba f'das-sens fis-sena 844 meta l-Imperatur Karlu II ta struzzjonijiet lill-isqfijiet fis-saltna tiegħu biex jinvestigaw u jikkoreġu l-iżbalji reliġjużi tas-sudditi tiegħu. Cf. Alexander Bonnici, 'Medieval Inquisition in Malta: 1433–561', *Hyphen*, Vol. VI Nru. 2, Malta, 1989, p. 61. F'termini legali, għalhekk, 'inkwiżizzjoni' tfisser proċedura kriminali mibdija bl-inizjattiva ta l-awtoritajiet. Fil-fatt, kien id-dmir ta' l-Inkwiżitur li jfittex il-provi meħtieġa biex jara jekk l-akkużat kienx ħati jew le. Il-kelma nnifisha hi mnissla mill-verb Latin *inquirire* li jfisser 'indaga, stħarreġ'.



*Xena ta' tortura – 'l-*istrappado *jew* corda *– waħda minn dawk li kienu jsiru waqt il-proċess tat-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni. [Domenico Beccafumi – minn riproduzzjoni f'Adriano Prosperi,* Tribunali della Coscienza – Inquisitori, confessori, missionari, *Torin, 1996.]*



*Saħħara kkundannata mit-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni. [Ġovan Francesco Barbieri (Il Guercino), c. 1625 – minn riproduzzjoni f'Adriano Prosperi,* Tribunali della Coscienza – Inquisitori, confessori, missionari, *Torin, 1996.]*



*Disinn li juri figura ta' niedem, li kien iġġudikat u ssentenzjat mit-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni, liebes il-libsa tal-penitenza. [Anton van Dyck, c. 1625 – minn riproduzzjoni f'Adriano Prosperi,* Tribunali della Coscienza – Inquisitori, confessori, missionari, *Torin, 1996.]*

abbużi klerikali, u sħarijiet.[2] Il-Fidi Kattolika, b'hekk, ġiet ittrasformata f'forza ta' kontroll biex jinżamm l-*istatus quo* soċjo-reliġjuż. Il-metodi ħarxa ta' l-Inkwiżizzjoni, kif mistenni, qanqlu l-istmerrija ta' kulħadd, anki fi żmien meta l-libertà tal-kuxjenza u d-dritt ta' affiljazzjoni kienu għadhom kunċetti mill-aktar elużivi.[3]

### *1.1. It-Tribunal lokali*

*L-Inkwiżizzjoni Medjevali f'Malta bdiet tiffunzjona fl-1433. L-ewwel prelat li mexxa t-Tribunal kien Fra Matteo (probabbilment Zurki) li kellu l-kariga ta' pro-inkwiżitur jew inkwiżitur reġjonali għall-Gżejjer Maltin.*[4] *Għal bosta snin l-Inkwiżizzjoni lokali kienet taqa' taħt l-awtorità episkopali ta' Palermo. Is-sitwazzjoni, tista' tgħid, ma nbidlitx sa l-ewwel snin ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Fl-1546, erba' snin wara t-twaqqif tas-Sant'Uffizzju, l-Isqof ta' Malta, fil-kariga ta' inkwiżitur, kien diġà beda jipproċessa xi nies akkużati b'ereżiji Luterani. Fl-1558 il-Granmastru d'Homedes kien nieda Tribunal ieħor; dan seta' jagħmlu għax il-Kunsill ta' l-Ordni sostna li kellu d-dritt jaġixxi ta' inkwiżitur f'każijiet li jmissu l-fidi tal-Kavallieri.*[5]

Fl-1561, imbagħad, l-Isqof Domenico Cubelles inħatar uffiċjalment bħala inkwiżitur għal Malta, anki jekk l-ewwel każijiet instemgħu s-sena ta' wara. Dan kien il-bidu ta' l-Inkwiżizzjoni Rumana f'pajjiżna. It-Tribunal tiegħu tant kien effiċjenti li tista' tgħid irnexxielu jeradika kull traċċa ta' Protestantiżmu mill-gżira. Kien l-Assedju l-Kbir li ħarbat din l-inizjattiva.[6]

Wara l-mewt ta' Cubelles, fis-snin 1566–72, l-Inkwiżizzjoni lokali għaddiet minn perjodu diffiċli. Dawn kienu s-snin tas-*sede vacante* jew ta' l-*interregnum* – żmien ta' tranżizzjoni li matulu l-ftit każijiet li nstemgħu kienu pproċessati mill-vigarji kapitulari tal-Katidral. Fis-snin 1572–74 kien l-Isqof Royas li assuma l-kariga ta' inkwiżitur. Biss, billi Royas kellu l-poter jipproċedi anki kontra membri

[2] F'wieħed mill-interrogatorji ta' l-Inkwiżitur Tommaso Ruffo, fl-1695, il-mixli kellu jwieġeb għal din id-domanda: 'Is-Sant'Uffizzju jitkixxef kontra dawk li jaqgħu fil-ħtija tal-poligamija, ixerrdu affarijiet ta' sħarijiet, iqassmu minn dawn għall-imħabba, kontra min jidgħi, isir xiżmatiku, jaqleb għal twemmin ieħor, isir eretku, jew iwaqqa' fuqu suspett ta' ereżija. Taf b'xi wieħed minn dawn? Int innifsek għandek xi waħda minn dawn il-ħtijiet?' AIM, Proċ. 93A, ff. 495r-497v. Din hi t-traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti meħuda minn Alexander Bonnici, *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta*, Malta 1992, p. 282 .

[3] Għal studju komprensiv fuq l-istrutturi u l-intriċċi ta' l-Inkwiżizzjoni Rumana Adriano Prosperi, *Tribunali della Coscienza: Inquisitori, Confessori, Missionari*, Turin, 1996.

[4] Bonnici (1989), p. 65.

[5] Cf. Alexander Bonnici, 'Evoluzione storico-giuridica dei poteri dell'Inquisitore dei processi in materia di Fede contro i Cavalieri del Sovrano Ordine di Malta', *Annales de L'O.S.M.*, de Malte, Vol. XXVI, Ruma, 1968, pp. 99–102, Vol. XXVII, Ruma, 1969, pp. 5–13, 57–80; u Carmel Cassar, '1564–1696: The Inquisition Index of Knights Hospitalers of the Order of St. John', *Melita Historica*, Vol. XI Nru. 2, Malta, 1993, pp. 157–96.

[6] Cf. Carmel Cassar, 'The Reformation and Sixteenth-Century Malta', *Melita Historica*, Vol. X Nru. 1, Malta, 1988, pp. 51–68.

ta' l-Ordni, malajr inqala' l-għawġ. L-Isqof akkuża lill-Granmastru La Cassiere li kien qed jipprova joħnoqlu l-awtorità tiegħu.[7]

F'Malta l-Inkwiżizzjoni Rumana, bħala istituzzjoni independenti mill-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof, bdiet topera fl-1574. L-ewwel inkwiżitur lokali ta' dan it-Tribunal ġdid kien Mons. Pietro Dusina, li sewwasew kien ġie hawn bħala rappreżentant tal-Papa, fil-kariga ta' delegat appostoliku, biex jintermedja fit-tilwima diplomatika bejn Royas u La Cassiere, u fl-istess waqt jara li d-digrieti tal-Konċilju ta' Trentu kienu qed jiġu osservati f'dawn il-gżejjer.[8] Tabilħaqq, kemm il-Kurja kif ukoll l-Ordni qatt ma ħamlu l-preżenza ta' l-Inkwiżizzjoni għax kienu jqisuha bħala theddida kontinwa għall-poteri u l-privileġġi tagħhom. B'kollox Malta rat 62 inkwiżitur; 27 minnhom, aktar tard, saru kardinali, u tnejn oħra saħansitra laħqu papiet: Fabio Chigi (Alessandru VII)[9] u Antonio Pignatelli (Innoċenz XII).[10] L-itwal inkwiżitorjat kien dak ta' Paolo Passionei fis-snin 1743–54.[11]

Xi wħud mill-inkwiżituri kienu membri ta' familji nobbli; oħrajn kienu dutturi tal-liġi. Kollha kienu prelati tal-Knisja; imma ironikament, xi wħud lanqas biss kienu saċerdoti. Ebda wieħed mil-lista twila ta' inkwiżituri li mexxew it-Tribunal lokali ma kien Malti. Fatt kurjuż kien li fl-1768 Ferdinando Galiani, is-segretarju fl-ambaxxata Naplitana f'Parigi, f'waħda mill-ittri tiegħu lil Bernardo Tanucci, il-kanċillier tas-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet, kien issuġġerixxa li l-inkwiżitur għandu dejjem ikun saċerdot Malti nnominat mill-Granmastru. Imma dan il-parir waqa' fuq widnejn torox.[12]

It-Tribunal lokali kien jopera mis-sede tiegħu fil-Birgu. Li l-Inkwiżizzjoni tkun stazzjonata f'waħda mit-Tliet Ibliet kienet ħaġa mill-aktar loġika għax billi ż-żona tal-Port kellha arja kożmopolitana, kienet tabilħaqq vulnerabbli għall-influwenzi eretiċi u 'korrotti' li kienu jaslu kontinwament minn barra.[13] B'mod ġenerali, it-Tribunal

---

[7] Cf. Carmel Cassar, 'The First Decades of the Inquisition: 1546–1581', *Hyphen*, Vol. IV Nru. 6, Malta, 1985, pp. 207–38; u Andrew P. Vella, *The Tribunal of the Inquisition in Malta*, Malta, 1973, pp. 15–9.

[8] Kull inkwiżitur kellu rabta diretta mal-Papa u kien jiddependi mill-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju f'kollox. Kien jissejjaħ 'Ministru Pontifiċju', imma f'Malta kien jissejjaħ sempliċiment 'Inkwiżitur'. Alexander Bonnici, *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta*, Vol. I, Malta, 1990, p. 56.

[9] Cf. Vincent Borg, *Fabio Chigi: Apostolic Delegate in Malta: 1634–1639*, Belt tal-Vatikan, 1967, u Kenneth Gambin, 'Fabio Chigi: Inquisitor, Missionary and Tridentine Reformer; a Man of Culture in Malta, 1634–39', teżi mhix ippubblikata, ippreżentata lill-Fakultà ta' l-Arti ghall-grad ta' M.A., l-Università ta' Malta, 1997.

[10] Cf. Alexander Bonnici, 'Arrival and First Days in Malta of Anthony Pignatelli, Inquisitor and Apostolic Delegate', *Melita Theologica*, Vol. XXV, Malta, 1973, pp. 34–47.

[11] Għal studji komprensivi dwar it-Tribunal lokali cf. Alexander Bonnici, *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta*, Vol. I–III, Malta, 1990–94; u Frans Ciappara, *Society and the Inquisition in Early Modern Malta*, Malta, 2001.

[12] Frans Ciappara, *The Roman Inquisition in Enlightened Malta*, Malta 2000, p. 137. Il-problema tal-lingwa kienet perenni. L-Inkwiżitur Marescotti (1663-66) ried li fost il-qaddejja tiegħu jagħżel spenditur Malti biex dan ikun jista' jifhem ilsien il-poplu.

[13] Cf. J.A. Camilleri, *The Inquisitor's Palace*, Malta, 1975; u Kenneth Gambin, *The Inquisitor s Palace*, Vittoriosa, Malta, 2004.

kien prudenti u kawt; kien jieħu azzjoni biss meta jkollu provi sodisfaċenti. L-Inkwiżizzjoni qatt ma messha eżistiet, iżda l-idea ġenerali li wieħed jieħu ta' l-Inkwiżizzjoni lokali hi li, fil-parametri ripressivi tagħha, ma kinitx l-istituzzjoni mostruża kif soltu jpinġuha, anzi kienet aktarx retta u akkanita għas-sewwa.[14]

Il-mixlija aktarx kienu jidhru quddiem l-Inkwiżitur minn rajhom biex jistqarru ħtijiethom spontanjament, jindmu, u jitolbu maħfra. Oħrajn kienu jissejħu wara xi denunzja minn terza persuna. L-iskop ewlieni tat-Tribunal dejjem kien li jikkonvinċi lill-akkużat jabjura, jiġifieri li jagħmel qrara pubblika u jwiegħed li ma jerġax jagħmel l-istess żball. Ħadd ma kien meħlus mill-iskrutinju ta' l-Inkwiżizzjoni; quddiem it-Tribunal tagħha kienu jidhru nies komuni, qassisin, patrijiet, sorijiet, professjonisti, amministraturi, u saħansitra kavallieri u membri tan-nobbiltà.

Fis-seklu tmintax, kemm minħabba l-politika aktar lajka ta' l-istat, kif ukoll minħabba l-ideat liberali mrewħa mill-Illuminiżmu, imqar jekk dawn kienu diffużi qalb numru ristrett ta' nies, l-Inkwiżizzjoni kienet laħqet saret forza bla snien. Kemm minħabba l-antagoniżmu min-naħa ta' l-Ordni u tal-Kurja, kif ukoll minħabba problemi amministrattivi interni, mhux l-ewwel darba u tnejn li kienet studjata l-possibbiltà li t-Tribubal ta' Malta jiġi soppress. Il-Papa Klement XIII, fl-1759, iddikkjara li kellu jibqa' għaddej b'xogħlu, iżda t-tmiem ma kienx 'il bogħod.

L-aħħar inkwiżitur f'Malta kien Giulio Carpegna (1793–98).[15] Fil-bidu tas-sena 1798 is-setgħa temporali tal-Papa spiċċat mad-daħla tat-truppi revoluzzjonarji Franċiżi u b'hekk is-Sacra Congregazione Suprema f'Ruma sfaxxat ukoll. Carpegna kellu jirriżenja u jitlaq minn Malta. Id-daqqa aħħarija għas-Sant'Uffizzju f'din il-gżira waslet, l-istess, mal-miġja tal-Franċiżi. Bl-editt tat-13 ta' Lulju, 1798, Napuljun mhux biss issoppressa l-Inkwiżizzjoni iżda kkonfiska wkoll l-proprjetà kollha tagħha u għaddieha f'idejn il-gvern.[16]

B'xorti tajba, Malta għandha kważi d-dokumenti oriġinali kollha ta' l-Inkwiżizzjoni. L-Arkivju tat-Tribunal, imsejjaħ Archivum Inquistionis Melitensis (AIM), hu ġestit mill-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina, u jikkonsisti f'1,184 volum manuskritt.[17]

It-Tribunal kien jimxi fuq sistema ta' mistoqsija u tweġiba. Dawn kienu jiġu rreġistrati b'reqqa kbira min-nutara (jew kanċilliera) preżenti, imqabbdin apposta

[14] Cf. fuq kollox, it-tieni parti tal-ktieb ta' Ciappara (2001), *passim*.

[15] Carpegna kiteb dwar il-konġura kontra l-Ordni fl-1797; mingħajr ma jsemmi ismijiet jagħti ħjiel fuq il-persuni involuti, fosthom wieħed 'li dan l-aħħar ippubblika grammatika u dizzjunarju ta' l-Ilsien Malti'. Dan ma kien ħadd ħlief Mikiel Anton Vassalli, li żgur ma kienx il-bniedem bla talenti u bla importanza kif iddeskrivieh l-Inkwiżitur. Cf. Frans Ciappara, 'Vassalli in the Correspondence of Inquisitor Carpegna', *Journal of Maltese Studies*, Malta, 1993, pp. 47–8.

[16] Cf. Frans Ciappara, 'The Landed Property of the Inquisition in Malta in the Late XVIII Century', *Melita Historica*, Vol. VII Nru 1, Malta, 1976, pp. 42–60.

[17] Dawn il-volumi jinkludu l-proċessi kriminali (fit-test preżenti indikati bħala Proċ.), l-atti ċivili, il-korrispondenza, il-memorji ta' l-inkwiżituri, il-legati tar-*Reverenda Fabbrica di San Pietro*, il-mixxellanja, xi kontijiet, u reġistri oħra li m'humiex strettament marbuta mat-Tribunal. Cf. Ciappara (2000), pp. 1–13.

mis-Sant'Uffizzju. Xi wħud minnhom kienu Maltin li setgħu jsegwu dak kollu li jintqal bil-vernakular. Oħrajn kienu Taljani u għalhekk kellhom joqogħdu fuq it-traduzzjoni spontanja pprovduta mill-interpreti li kellhom ukoll l-inkarigu li jfiehmu lill-akkużat kulma jingħad fil-proċess.[18] Mill-aspett lingwistiku, id-dokumenti ta' l-Inkwiżizzjoni jistgħu jkunu utli ħafna għax in-nutara, speċjalment f'każijiet ta' dagħa, stqarrijiet eretiċi, u skonġuri ġie li kitbu frażijiet, espressjonijiet, u anki sentenzi sħaħ bil-Malti[19] f'testi, li altrimenti kienu jkunu bit-Taljan, il-*lingua franca* ta' dak iż-żmien.[20]

## 2. L-Ilsien Malti fi żmien il-Kavallieri

Fis-sekli 16 u 17, niltaqgħu ma' ħafna studjużi, missjunarji, vjaġġaturi, u avventuriera barranin li semmew l-ilsien Malti fil-kitbiet tagħhom. Xi wħud, fosthom Quintinus (1536), Münster (1544), u Viperano (1567), sejħulu 'lingwa Afrikana'. Oħrajn, fosthom Fazello (1558), Thevet (1575), Breithaupt (1632), u Dryden (1700) irreferew għalih bħala 'lingwa Moreska' jew 'lingwa Saraċena'. Leoni (1582), Kiechel (1585), von Bretten (1588), Bosio (1602), D'Avity (1615), Kircher (1664), Dapper (1668), u du Mont (1690), sejħulu 'lingwa Għarbija'. Imbagħad kien hemm min sejjaħlu 'lingwa Punika', 'Feniċja', jew 'Kartaġiniża'. Ta' din il-fehma kienu Tebaldi (1565), Porcacchi (1572), Megiser (1603–06), u Niderstadt (1660).[21]

Jidher ċar li għal sekli sħaħ kien hemm fehmiet diversi dwar in-nisel tal-Malti. Xi wħud kienu jsostnu li l-Malti kien l-fdal tal-Puniku; oħrajn insistew li l-Malti ħareġ mill-Għarbi. Din il-kontroversja baqgħet ħajja sas-seklu tmintax hekk li ġibdet l-interess ukoll tal-Ġermaniż Johannes Heinrich Maius, li fl-studju tiegħu, Specimen Lingua Punicae in hodierna Melitensium superstitis (Marburg, 1718; Leyden, 1725), inkluda l-Pater Noster bil-Malti. Maius qatt ma ġie Malta u qagħad fuq li qallu l-Ġiżwita Malti Ribier de Gattis, bażikament li l-Malti hu 'dak li baqa' mill-ilsien Puniku qadim'. Din it-teorija ġiet miċħuda minn studjużi oħra, fosthom il-Konti Giovanni Ciantar f''De Punica Melitensium Lingua' (dissertazzjoni miktuba wara l-1754),[22] l-Iżvediż Jakob Jonas Björnstahl (1777), u l-Franċiż Antoine Court de Gébélin (1777–82).[23]

---

[18] Kien hemm interpreti wkoll għal lingwi barranin oħra bħall-Għarbi, it-Tork, il-Franċiż, l-Ispanjol, l-Ingliż, il-Grieg, ir-Russu, il-Ġermaniż, l-Olandiż, u l-ilsna Skandinavi. Il-patrijiet Tereżjani ta' Bormla, ta' sikwit, kienu jidħlu għal dan ix-xogħol, iżda l-Inkwiżitur mhux dejjem sab lil min jaqdih f'dan ir-rigward.

[19] Il-qari tat-testi oriġinali mhux dejjem kien faċli. Fil-fatt, jista' jkun hemm xi diskrepanzi bejn it-traskrizzjonijiet tiegħi u dawk ippubblikati minn awturi oħra, imsemmija f'dan l-istudju.

[20] Cf. Arnold Cassola, 'Lingua italiana e interferenze dialettali nelle testimonianze dei maltesi davanti all Inquisitore (1646–1649)', *L'italiano di Malta: Storia, testi e documenti*, Malta, 1998, p. 37–52.

[21] Cf., fost kitbiet oħra, Charles L. Dessoulavy, 'Visitors to Malta from the 15th to the 18th Century', *The Sundial*, Vol. III Nru. 4–8, Malta, 1940, pp. 97–107; u Arnold Cassola, 'La lingua maltese nel '500 attraverso i rescoconti di scrittori e viaggiatori stranieri', *Journal of Maltese Studies*, Nru. 21-22, Malta, 1991–92, pp. 79–90.

[22] Ciantar kien wieħed mill-familjari ta' l-Inkwiżitur Lante (1771–77). Cf. Alexander Bonnici, *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta* , Vol. III, Malta, 1994, p. 366.

[23] Cf. Thomas Freller, 'Il-Malti – *Lingua Punica* jew *Lingua Arabica?*', tradotta mill-Ingliż għall-Malti minn Achille Mizzi, *Il-Malti*, Nru. I/LXXII, Malta 1998, pp. 1–7.

Fost il-Maltin, l-ewwel awtur li ħa l-ilsien użat mill-Maltin b'ċerta serjetà kien l-istoriku u l-viċi-kanċillier ta' l-Ordni Ġan Franġisk Abela (1582–1655). Hu saħaq fuq l-oriġini Għarbija tal-Malti iżda osserva li fil-Malti ta' żmienu kien daħal ħafna kliem Sqalli.[24] Abela inkluda żewġ paġni u nofs dwar l-ilsien Malti. Madwar l-1694, il-monaku Benedittin Taljan Anselmo Pajoli ddeskriva l-Malti bħala 'Għarbi korrott imħallat b'Taljan imgerfex.'[25] Għalkemm m'użax il-kliem ġust, kien korrett fl-osservazzjoni li l-Malti kien ilsien li xorob minn għejun lingwistiċi differenti.

Fil-manuskritti ta' l-Inkwiżizzjoni, il-Malti ta' sikwit jissejjaħ lingwa *arabica* jew *morescha*. L-iskribi kienu konvinti li l-ilsien nativ kien tabilħaqq djalett Għarbi. F'ittra li l-Inkwiżitur Bovio (1623–24) bagħat lill-Kardinal Ludovisi tal-Kongregazzjoni *Propoganda Fide* fl-1624, insibu konferma kemm, fil-fatt, Malta kienet post adattat għat-tagħlim ta' l-Għarbi. Bovio kiteb hekk: 'Hawn Ġiżwiti, Kapuċċini, u Dumnikani Maltin li huma mdorrijin jippridkaw bil-Malti. Huma jippridkaw mal-gżira kollha b'dil-lingwa ta' xeħta Għarbija. Għalhekk, dawn il-predikaturi huma tajbin biex jippridkaw fl-Afrika u fil-Lvant. Lilhom jifhmuhom, għalkemm il-Malti hu Għarbi mħassar.'[26]

L-ewwel skola għat-tagħlim ta' l-Għarbi f'Malta eventwalment twaqqfet fl-1632 mill-patrijiet Franġiskani tal-Belt. Biss din kienet inizjattiva privata, hekk li fl-1637, bit-tħabrik ta' l-Inkwiżitur Chigi (1634–39), il-Kongregazzjoni tat il-permess biex l-istudju jsir pubbliku. Chigi kien kiteb hekk: 'Il-pronunzja tal-Malti tixbah perfettament lil dik Għarbija. Tkun ħasra jekk, bil-mod il-mod, inħallu din l-oppurtunità taħarbilna. Fil-fatt, kull ġens ieħor irid sforz doppju biex jitgħallem l-Għarbi.'[27] L-ewwel lettur u direttur ta' l-iskola pubblika kien Dun Franġisk Azzopardi li baqa' jgħallem l-Għarbi sa ma miet fl-1643.[28]

## 2.1. L-ewwel dizzjunarju, l-ewwel grammatika, u l-ewwel ktieb bil-Malti

L-istoriku ta' l-Ordni ta' San Ġwann Giacomo Bosio jgħid li waqt it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Belt Valletta fl-1566, xi Maltin anzjani nstemgħu jgħidu: 'Iegi

---

[24] Gio Francesco Abela, *Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano*, Malta, 1647, pp. 257–9. Cf. Joseph Cassar-Pullicino, 'G.F. Abela and the Maltese Language', *Gian Francesco Abela: Essays in His Honor by Members of the 'Malta Historical Society' on the Occasion of the Third Centenery of his Death: 1655–1955*, Malta, 1961, pp. 30–7.

[25] Joe Zammit Ciantar, *A Benedictine's Notes on Seventeenth-Century Malta*, Malta, 1998, p. 102.

[26] Bonnici (1990), p. 217.

[27] Bonnici (1990), p. 269.

[28] Cf. wkoll A. Cremona, 'L'antica fondazione della scuola di lingua araba in Malta', *Melita Historica*, Vol. I Nru. 2, Malta, 1953, pp. 87-103; Vol. I Nru. 3, 1954, pp. 141–9; u D.A. Agius, *Malta, Ċentru għat-Tagħlim ta' l-Għarbi fil-Mediterran – Seklu XVII sas-Seklu XIX*, Malta 1980. Mikiel Anton Vassalli, qabel ma tela' Ruma, studja l-Għarbi appuntu fl-iskola tal-*Propaganda Fide* fil-Belt Valletta taħt l-Arabista magħruf Dun Giuseppe Calleja.

zimen en fel uardie col sceber raba iesue vquie.'[29] Dan il-vers hu aktarx l-eqdem kampjun ta' Malti stampat.

L-ewwel lingwista li ta kas tal-Malti b'ċerta reqqa kien il-Ġermaniż Hieronymus Megiser; dan kiteb lista ta' kliem Malti, l-ewwel fil-ktieb *Thesaurus Polyglottus* (Frankfurt, 1603), imbagħad fil-*Propugnaculum Europae* (Leipzig, 1606). Megiser kien żar Malta fl-1588–89; biss, xorta ma kienx korrett dwar in-nisel tal-Malti.[30]

Fi żmien il-Kavallieri dehru l-ewwel dizzjunarji u grammatiki tal-Malti. Ħafna minnhom baqgħu manuskritti u ntilfu. Per eżempju Ignazio Saverio Mifsud fil-*Biblioteca Maltese* (Malta, 1764) isemmi grammatika Maltija b'dizzjunarju Malti-Taljan-Franċiż tal-Kommendatur Fra Francesco Bardon. Dax-xogħol ħadd ma jaf x'sar minnu. L-istess, m'għandna l-ebda traċċa tal-grammatiki, imsemmija minn Ġan Franġisk Agius de Soldanis (1712–70), li nkitbu minn Mgr Fra Domenico Sciberras u mill-kavallier ta' l-Ordni de Touron. Għaldaqstant ma nistgħux inkunu nafu liema kien l-ewwel dizzjunarju tal-Malti li qatt kien hawn.[31]

L-ewwel wieħed li dwaru għandna tagħrif sostanzjali nkiteb mill-kavallier Franċiż Thezan, probabbilment François de Vion Thezan Court, madwar is-sena 1640. Dan id-dizzjunarju qatt ma ġie stampat fi żmienu u l-manuskritt oriġinali s'issa għadu ma nstabx. Kulma għandna hi x'aktarx kopja tiegħu, magħrufa bħala 'Regole per la Lingua Maltese', miżjuda minn ħaddieħor.[32] Fil-bidu tiegħu hemm xi noti dwar il-grammatika Maltija, filwaqt li fl-aħħar hemm xi istruzzjonijiet għas-suldati bit-Taljan u bil-Malti.

Fl-1664 Sir Philip Skippon, vjaġġatur Ingliż, ġabar lista ta' 355 kelma bil-Malti. Din ma dehritx fi żmienu iżda f'*Account of a Journey Made Thro' Part of the Low Countries, Germany, Italy, and France* (Londra, 1732).[33]

L-ewwel grammatika sistematika tal-Malti kienet dik tal-kanonku Għawdxi Ġan Franġisk Agius De Soldanis – *Della lingua punica presentamente usata da maltesi* (Ruma, 1750). De Soldanis ikkompila wkoll dizzjunarju tal-Malti, bl-isem 'Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin', f'erba' volumi bejn l-

[29] '*Jiġi żmien li fil-Wardija* [l-Għolja Sciberras] *kull xiber raba' jiswa uqija.*' Jacomo Bosio, *Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gierosolimitano*, Napli, 1684, p. 746. Cf. ukoll E.R. Leopardi, 'An Early Specimen of Printed Maltese', *Malta's Heritage: Selections from the Writings of E.R. Leopardi*, Malta, 1969, pp. 25-7.

[30] Cf. William Cowan, 'An Early Maltese Word-List', *Journal of Maltese Studies*, Nru. 2, Malta, 1964, pp. 217–25; u Arnold Cassola, 'Una edizione diversa della lista di voci maltesi del seicento di Hieronymous Megiser', *Journal of Maltese Studies*, Nru 17–18 – *Incontri Siculo-Maltesi*, Malta, 1988, pp. 72–86.

[31] Cf. Joseph Cassar-Pullicino, 'Unpublished Maltese Dictionaries', *Scientia*, Vol. XIII Nru. 1, Malta, 1947, pp. 36–44; u Vol. XIII Nru. 3, 1947, pp. 124–37.

[32] Biblioteca Vallicellina, Ruma, MS. P. 164. Cf. Arnold Cassola, *The Bibliotecha Vallicelliana 'Regole per la lingua maltese'*, Malta 1992; u Lawrenz Cachia, *Il-Kavallier Thesan: L-Ewwel Dizzjunarju Malti, Malti-Taljan*, Malta, 1999.

[33] Cf. Lawrenz Cachia, *Habbew l-Ilsien Malti*, Malta, 2000, pp. 28–42.

1755 u l-1759, li baqa' manuskritt.[34] Ħasra wkoll li dan l-istudjuż baqa' jrewwaħ it-teorija tan-nisel Puniku tal-Malti.

Dizzjunarju Malti-Taljan ieħor mhux stampat hu dak miktub għall-ħabta ta' l-1765–75. Dan ix-xogħol aktarx inkiteb minn Patri Pelaġju (Bartolomeo Mifsud, m. 1781) u probabbilment wkoll imsejjes fuq dak ta' Thezan. Kulma wasal għandna huwa t-tieni nofs tiegħu; in-nofs l-ieħor għadu mitluf.[35]

Fl-aħħarnett, irridu nżidu li fl-1752, f'Verona, deher l-ewwel ktieb stampat bil-Malti (b'test parallel bit-Taljan); dan kien jismu *Tagħlim Nisrani (sic)*, maqlub għall-Malti minn Dun Franġisk Wizzino mill-oriġinal tal-Kardinal Ġiżwita Roberto Bellarmino.[36] Dan il-ktieb ta' katekiżmu kien sar b'ordni ta' l-Isqof Alpheran de Bussan.[37] Fl-1796 deher il-ktejjeb *Il-Via Sagra u t-Triq Għażiża Li Għamel Sidna u Mulejna Ġesù Kristu fiż-Żmien tal-Passjoni*, bit-Taljan minn Giuseppe Maria Cannolo; dan kien stampat fl-istamperija tal-Granmastru.

Kien Mikiel Anton Vassalli (1764–1829) li qiegħed is-sisien ta' l-istudju xjentifiku tal-Malti, maħlul minn kull preġudizzju. Ta' xi għoxrin sena beda jistudja l-Għarbi u fl-1785 mar Ruma biex jispeċjalizza fl-ilsna orjentali. Fl-1788 deher l-ewwel alfabett tiegħu – l-*Alfabeto Maltese*, filwaqt li sentejn wara ħareġ it-tieni wieħed – l-*Alfabet Mâlti Mfysser byl-Mâlti u byt-Taljân*. Meta kien għadu Ruma, fl-1791, ippubblika l-ewwel xogħol importanti tiegħu, grammatika tal-Malti: *Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis*. F'Ruma wkoll ħareġ id-dizzjunarju *Ktyb yl Klym Malti Mfysser byl-Latin u byt-Taljan*, magħruf bħala l-*Lexicon Melitense-Latino-Italum* b'madwar 18,000 kelma. Dax-xogħol ta' l-1796 jinkludi d-'Discorso Preliminare'; fih Vassalli jisħaq li l-ilsien Malti għandu jkun l-ilsien nazzjonali u jikkritika d-djalett belti mimli 'barbariżmi' ta' nisel barrani.[38]

## 2.2. Xogħlijiet letterarji bil-Malti fi żmien il-Kavallieri

Għal ħafna żmien il-'Kantilena (magħrufa wkoll bħala 'Xidew il-Qada') ta' Pietru Caxaro (c. 1450) baqgħet xogħol uniku u iżolat.[39] Imbagħad nafu li, madwar is-sena

---

[34] Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, MSS. 144 Vol. I–IV. Cf. Joseph Cassar-Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sa l-1870*, Malta, 2001, pp. 65–70. Fl-1758 de Soldanis wera x-xewqa li jinħatar Ministru ta' l-Inkwiżizzjoni għal Għawdex, imma s-supplika tiegħu ma jidhirx li ntlaqgħet għax ismu ma jidher imkien fil-lista ta' dawk ippatentati. Bonnici (1994), pp. 247–8.

[35] Arnold Cassola, *Il mezzo vocabolario maltese-italiano del '700*, Malta, 1996. Għal aktar tagħrif fuq dan il-patri cf. ukoll Franz Mifsud, 'Il-Kapuċċin Pelaġju Mifsud (1708–1781)', *Ilsienna*, Nru. 1, Malta, 1988, pp. 10–3. It-tieni parti ta' dan l-istudju baqgħet ma dehritx.

[36] It-teologu Roberto Bellarmino (1542-1621) kien ħabib ta' Galileo. Ironikament, meta s-Sant'Ufizzju, fl-1615, ikkundanna l-fehmiet ta' Galileo, il- Ġiżwita kellu d-dmir jassigura s-sottomissjoni ta' sieħbu. Bellarmino kien ikkanonizzat fl-1930 u sena wara ngħata t-titlu ta' Duttur tal-Knisja.

[37] Cassar-Pullicino (2001), pp. 39.

[38] L-aħjar studji fuq Vassalli huma: *Esssyas on Mikiel Anton Vassalli*, ed. Oliver Friggieri, edizzjoni speċjali tal-*Journal of Maltese Studies*, Nru. 23–24, Malta, 1993; Edward Fenech, *Vassalli u Kitbietu*, Malta, 1977; u *Dawl Ġdid fuq Vassalli*, ed. Olvin Vella, Malta, 2004.

[39] Inċidentalment il-poeżija misjuba minn Godfrey Wettinger u Mikiel Fsadni fl-1966 kienet kopja li saret minn Brandano Caxaro fl-1533–6. Dan kien qassis li fl-1563 kien mitfugħ il-ħabs ta' l-Inkwiżitur wara li nstab ħati li kellu simpatiji Protestanti, u għalhekk meqjusa eretiċi.

1584, Pasquale Vassallo, patri Dumnikan, kiteb għadd ta' *canczuni* (għanjiet) bit-Taljan u bil-Malti li kienu nħarqu fuq l-ordni ta' l-Inkwiżitur fl-1585 minħabba l-kontenut 'żieni' tagħhom.[40] F'xi żmien bejn l-1672 u l-1675, inkiteb is-'Sonetto' magħruf bħala 'Lill-Granmastru Cottoner' jew 'Mejju Ġie bil-Ward u ż-Żahar' ta' Giovanni Francesco Buonamico (m. 1680) li hu qaleb minn verżjoni Franċiża. Din il-poeżija waslet għandna bis-saħħa ta' de Soldanis.[41]

Madwar l-1700, inkitbet il-poeżija magħrufa bħala 'Jaħasra Mingħajr Ħtija', ta' awtur anonimu Għawdxi. Anki din waslet għandna bis-saħħa ta' De Soldanis, xi ħamsin sena wara.[42] Madwar is-sena 1738 inkitbet poeżija anonima fuq il-qtil ta' ċertu Patri Vincenzo Grimani fil-kunvent tad-Dumnikani tal-Belt, intitolata 'Per l'omicidio successo in persona del P. lettor Vincenzo Grimani – canzone maltese', magħrufa wkoll bħala 'Kieku Tafu, Ħuti, X'Ġara'.[43] Kurunella bil-Malti (iddedikata lil San Mikiel, Arkanġlu) ta' Dun Franġisk Wizzino ġġib id-data 1730, filwaqt li kurunella oħra (iddedikata lil Sant'Anna) ta' l-istess qassis hija ta' l-1741.[44]

Lejn nofs is-seklu tmintax dehret poeżija anonima oħra, magħrufa bħala 'Fuqek Nitħaddet Malta', li tittratta r-Rewwixta ta' l-Ilsiera ta' l-1749. Il-versi probabbilment inkitbu ftit żmien wara dan l-avveniment. Is-'Sonetto Punico-Maltese in Onore Dell'Illmo. Signr. Dr. Ludovico Coltellini' huwa poeżija akrostika bil-Malti miktuba minn De Soldanis fl-1758.[45] Sentejn wara nsibu 'Żwieġ la Maltija', versi burleski għall-jiem tal-Karnival, miktubin minn Dun Feliċ Demarco.[46] Fl-1791 l-istoriku Franċiż Francois Emmanuel Guignard de St. Priest, fil-ktieb *Malta par un Voyageur Français*, ippubblika tliet għanjiet qosra bil-Malti ta' kwartina l-waħda, miktuba mill-Abbati Gioacchino Navarro.[47] Dawn huma aktarx l-eqdem poeżiji stampati bil-Malti. Ma nistgħux ngħidu li dawn ix-xogħlijiet huma ta' xi mertu letterarju partikulari, iżda f'din in-nixfa kollha, għad għandhom importanza storika li ħadd ma jista' jinjoraha.

Flimkien ma' dawn il-poeżiji wieħed jista' jsemmi żewġ kontribuzzjonijiet li għalkemm mhumiex strettament ta' natura letterarja, xorta għandhom siwi enormi. Il-priedki manuskritti ta' Patri Ignazio Saverio Mifsud (m. 1773) huma l-ewwel

[40] AIM, Proċ. 9, ff. 250r–291r. Għal aktar tagħrif cf. Mikiel Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620*, Malta, 1974, pp. 218–20.
[41] Cf. Cachia (2000), pp. 15–20; u Olvin Vella, 'Buonamico Skond De Soldanis u Levanzin', *Il-Ġens* 31 ta' Lulju 04, u 7 ta' Awissu 2004.
[42] Oliver Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija Vol. I*, Malta, 1979, p. 106.
[43] *Ibid.* Għal aktar tagħrif fuq dawn iż-żewġ poeżiji anonimi cf. A. Cremona, 'Tifkiriet Ewlenija ta' Taqbil Malti', *Leħen il-Malti*, Vol. I/VII, Malta, 1931, pp. 3–6.
[44] Cassar-Pullicino (2001), pp. 15–9.
[45] Friggieri, p. 107.
[50] Cf. Cassar-Pullicino (2001), pp. 71–6; u Ġorġ Mifsud-Chircop, 'Lejn id-Diskursività ta' Kopjun tas-Seklu Tmintax', *Fora Melitensia*, Nru. 1, Malta, 2004, pp. 61–78.
[47] Friggieri, p. 93.

xogħlijiet ta' proża bil-Malti li nafu bihom sal-lum.[48] Dawn inkitbu fis-snin 1739–46. Imbagħad, lejn nofs is-seklu tmintax, fit-tieni edizzjoni tal-grammatika tiegħu 'Nuova Scuola dell'antica lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano', De Soldanis, fost ħwejjeġ oħra, inkluda t-tmien 'Djalogi' (li għandhom ukoll valur folkloristiku) u xi talb bil-Malti bħalma huma il-*Pater Noster*, il-Kredu, il-Litanija tal-Madonna, u l-*Miserere*.[49]

## 3. L-Ilsien Malti fid-dokumenti ta' l-Inkwiżizzjoni

Is-saħħa u l-impożizzjoni tat-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni għaġnu mhux ftit il-kuxjenza u l-ħsieb tas-soċjetà Maltija. L-istqarrijiet ta' dawk mixlija, bla dubju ta' xejn, jixħtu dawl sfiq fuq id-drawwiet, l-attitudnijiet, il-preġudizzji, u l-mentalità ġenerali tal-Maltin ta' dak iż-żmien.[50] Xi wħud, fil-fatt, isostnu li l-identità ta' poplu toħroġ l-aktar mill-eretiċi u d-dissidenti li tipproduċi l-istess soċjetà.

F'xi każijiet tixref l-anomiżità bejn il-protagonisti. Dr Melchior Cagliares, imħallef irrispettat fil-qorti ta' l-Ordni, żamm ma' La Cassiere fil-ġlieda li l-Granmastru kellu ma' l-Isqof Gargallo. Cagliares saħansitra għajjar lil Gargallo '*vigliacco*'; dan spiċċa biex skomunikah, u għalhekk ebda Kattoliku leali ma kellu jindiehes miegħu. Jum wieħed Cagliares iltaqa' ma' Dun Antonio Inguanes, ir-rettur tal-parroċċa ta' San Pawl, il-Belt, iżda dan baqa' għaddej mingħjar ma' sellimlu. L-imħallef, mikdud bl-imġiba tas-suppost ħabib tiegħu, qallu bil-Malti: 'Le tibzax hecde kif fixkilt lohrayn infixkil lilik.'[51] Din ir-reazzjoni kienet irreġistrata fit-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni nhar it-30 ta' April, 1579.

F'lejl ta' April, 1582 mara bl-isem ta' Ginaina sfat feruta f'riġlejha. L-għada filgħodu ċertu Francesco di Laude daħal fil-ħanut ta' ħuh u hemm lemaħ lit-tifel ta' Ginaina. Milli jidher Francesco ma kienx jaħmel lil din il-mara għax instema' jgħid

---

[48] Cf. Joe Zammit-Ciantar, 'Malti tas-Seklu 18', *Hyphen*, Vol. IV Nru. 5, Malta, 1985, pp. 179–206; u Joseph Cassar-Pullicino (2001), pp. 21–7. Fl-1751 l-Avukat Mifsud kien innominat u ppatentat katekista tas-Sant'Uffizzju mill-Inkwiżitur Passionei. Żamm postu anki meta wasal l-Inkwiżitur Salviati tliet snin wara. Fl-1756, imbagħad, Mifsud inħatar kunsultur tat-Tribunal, kariga li baqa' jżomm sakem miet fl-1773. Fost diversi privileġġi huwa kellu l-liċenzja li jaqra l-kotba pprojbiti indikati fl-Indiċi tas-*Sacra Congregazione*. Xogħol il-katekista kien li jgħallem id-duttrina Nisranija lil dawk mixlija li waqgħu fl-ereżija, filwaqt li xogħol il-konsultur kien li jagħti pariri lill-Inkwiżitur rigward materji teoloġiċi, kanoniċi, u legali.

[49] Cf. Joseph Cassar-Pullicino, 'Id-Djalogi ta' de Soldanis', *Il-Malti*, Nru 3/XXIII, Malta 1947, pp. 99–125; u David Marshall, 'A Social and Historical Commentary on "The Dialogues" of De Soldanis', *Journal of Maltese Studies*, Nru. 6, Malta, 1971, pp. 1–33.

[50] Cf. per eżempju, Kenneth Gambin, 'Popular Culture and the Inquisition, 1667–1678', teżi mhix ippubblikata, ippreżentata lill-Fakultà ta' l-Arti għall-grad ta' B.A. (Hons), l-Università ta' Malta 1995; u Anthony Camenzuli, 'Maltese Social and Cultural Values in Perspective: Confessions', Accusations and the Inquisition Tribual, 1771–1798', teżi mhix ippubblikata, ippreżentata lill-Fakultà ta' l-Arti ghall-grad ta' M.A., l-Università ta' Malta 1999.

[51] *'La tibżax hekda kif fixkilt l-oħrajn infixkel lilek'*. AIM, Proċ. 144, ff. 94v–95r. Cf. Carmel Cassar, *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta*, Malta, 2000, p. 160.

*hekda:* hekdan, li tfisser 'bl-istess mod'. Din il-kelma għadha tingħad fit-talba tal-Missierna: '. . . ikun dak li trid int, kif fis-sema hekda fl-art . . .'

lil binha: 'Chen taib min Jacta ueci ommoc'.[52] Mhux l-ewwel darba li l-prostituti (bħalma forsi kienet Ginaina) kienu jiġu vvjolentati minn xi klijent u jispiċċaw b'xi sfreġju f'wiċċhom.

Drabi oħra tispikka l-injoranza reliġjuża, bħal f'dan il-każ li jillustra duttrina eretika dwar il-Madonna. Ċerta Isabetta Caruana, armla ta' Joanello mir-Rabat, Għawdex, fost xogħol filantropiku ieħor, insibuha tagħti minn rajha lezzjonijiet tal-katekiżmu lil xi tfajliet, minn żmien l-Assedju ta' l-1565 sa tmiem is-seklu sittax. Fl-1599, fi żmien l-Inkwiżitur Hortensio, hi ssejħet quddiem it-Tribunal għax kienet għaddiet xi tagħlim żbaljat; fost ħwejjeġ oħra, kienet qalet lil dawn it-tfajliet li l-Madonna wildet lil binha Ġesù minn sidirha: '. . . men chobiha gueldítu'.[53]

### 3.1. Dagħa u ereżiji

Fl-1677 Aloysius Borg iddenunzja lil Antonio Attardo, suldat stazzjonat fit-Torri Garsa, Għawdex, għax semgħu jidgħi '*in linguaggio paesano*' (jiġifieri bil-Malti).[54] Id-dagħa huma fenomenu li jinteressa ħafna lill-antropoloġi għax kapaċi jixħet dawl qawwi fuq dik il-kultura partikulari li fiha jissawwar. Jgħidu li n-nies jidgħu appuntu b'dak li għalihom hu qawwi u setgħani. Fil-fatt, il-Maltin jidgħu fl-idjoma li jafu l-aktar, jiġifieri fl-idjoma Kattolika. Ironikament jidgħu, kif dejjem għamlu, għax jgħixu, kif dejjem għexu, f'soċjetà ddominata mir-reliġjon.[55]

Meta t-theddida tal-Luteraniżmu f'Malta dehret li sfaxxat fix-xejn, l-Inkwiżizzjoni dawret l-attenzjoni tagħha fuq ħwejjeġ oħra, fosthom id-dagħa, l-ereżiji, it-tħaddin ta' l-Islam, u l-maġija. Madankollu, il-parti l-kbira ta' dawk iddenunzjati kienu aktarx jidhru quddiem il-Tribunal minħabba stqarrijiet li jkasbru l-fidi.[56] Il-proċeduri tat-Tribunal juru li d-dagħa fost il-Maltin kien drawwa jew vizzju mill-aktar diffuż. Biex jieħu idea, biżżejjed wieħed jifli l-medda kreattiva tad-diskors li nsibu mniżżel fid-dokumenti ta' l-Inkwiżizzjoni; l-immaġinazzjoni ta' xi wħud kienet tassew 'fertili'. Ħasra li l-biċċa l-kbira ta' dan id-dagħa ġie rreġistrat bit-Taljan; kieku, ironikament, kien ikollna kompendju sħiħ ta' kompożizzjonijiet mill-aktar mlewna b'ilsienna.[57] L-Inkwiżitur Innico Caracciolo (1683–86) osserva li l-Maltin kienu

---

[52] *'Kien tajjeb min jaqta' wiċċ ommok'*. AIM, Proċ. 6C, f. 910v. Cf. Carmel Cassar, *Daughters of Eve: Women, Gender Issues, and the Impact of the Council of Trent in Catholic Malta*, Malta, 2002, p. 169.

[53] *'. . . minn ħobbha wilditu'*. AIM, Proċ. 147A, ff. 48r–50r. Cf. Cassar (2000), p. 164. Cf. ukoll Carmel Cassar, 'Magic, Heresy and the Broom Riding Witch – The Inquisitioin Trial of Isabetta Caruana', *Proceedings of History Week 2003*, Malta, 2004, pp. 25–41.

[54] AIM, Proċ. 79, f. 232r. Cf. Gambin (1995), pp. 31–2.

[55] L-antropoloġi jgħidu wkoll li d-dagħa jidher li jagħti xeħta aktar 'maskili' lid-diskors; dal-fatt jispjega għala l-irġiel, b'mod ġenerali, jidgħu aktar min-nisa. Madankollu jista' jkollu wkoll funzjoni sovversiva; hekk jiġri meta jissarraf fi protesta kontra r-reġim tal-ħajja.

[56] Fuq dan is-suġġett cf., per eżempju, James Debono, 'Heresy and the Inquisition in a Frontier Society, 1718–1770', teżi mhix ippubblikata, ippreżentata lill-Fakultà ta' l-Arti għall-grad ta' B.A. (Hons.), l-Università ta' Malta, 1995.

[57] Fuq dan is-suġġett cf., per eżempju, Kevin Wain, 'Blasphemy: A Study on Power Relations between the Roman Inquisition and the Common People', teżi mhix ippubblikata, ippreżentata lill-Fakultà ta' l-Arti għall-grad ta' B.A. (Hons.), l-Università ta' Malta, 2003.

mtebbgħin b'dan il-'vizzju ikrah' li donnu ħadd iżjed ma kien baqa' jistħi minnu. Hu ddeskriva l-Maltin bħala dagħajja mill-kbar u qal li l-għadd kbir ta' nies mixlija b'dagħa eretiku ma jitwemminx. L-Inkwiżituri bdew qishom jaqtgħu qalbhom milli jipproċiedu kontra dawn il-persuni għaliex, fiċ-ċokon ta' Malta, ma setgħux ilaħħqu mar-rikorrenzi. Dan l-inkwiżitur, saħansitra, ippubblika editt kontra d-dagħa fl-1686 biex jinqara fil-parroċċi kollha u jitwaħħal f'postijiet pubbliċi.[58]

Id-dagħa jista' jiġi ddefinit bħala att ta' offiża, bil-fomm jew bl-għemil, fil-konfront ta' Alla jew ta' persuni qaddisa. Min ikasbar xbihat sagri, bħal santi, ikoni, u kurċifissi, billi jobżoq fuqhom, jagħtihom bis-sieq, jew isabbathom ma' l-art, ikun qiegħed jidgħi daqslikieku ddisprezza dak li hu divin u qaddis bi kliem faħxi jew insolenti. Per eżempju Francesco Pace, mir-Rabat, Għawdex, fl-1790, fi żmien l-Inkwiżitur Gallarati Scotti, hedded li jiddesagra xbieha ta' Sant'Antnin bil-kliem: 'Ruk il minghul inti ma tric tismani, nactalech rasech, nisctech barra.'[59] Kien hemm min issejjaħ mill-Inkwiżitur għax instema' jkasbar lil Alla nnifsu. Hekk, per eżempju, l-Għawdxi Giuseppe Pisano, ħaddiem fuq ix-xwieni mlaqqam 'Ta' Saram', lissen din l-ereżija: 'Li kont nilkach l'Alla cont namlu picciet takt rigleja.'[60] Salvu Attard, minn Ta' Sannat, fl-1790, ukoll ħadha kontra Alla u qal: '. . . noctlu, eu nactalu oncu'.[61]

Skond kif ifisser Alexander Bonnici, id-dagħa, bil-kelma jew bl-għemil, jista' jkun ta' għamliet differenti.[62] Hi dagħwa meta xi ħadd jakkuża 'l Alla b'xi ħaġa li ma tista' qatt tiġi minnu. Każ bħal dan jista' jkun meta jingħad li Alla mhux ġust jew li hu responsabbli tad-dnubiet li jsiru. Per eżempju, fl-1783 Angela Attard kienet akkużata quddiem l-Inkwiżitur Zondadari li lissnet din l-ereżija:

'Alla meiric ismhani
Immela Alla maus tasseau
Mela Alla meus Alla
Mehems Infern, lancas Genna
Lancas Purgatorio.'[63]

---

[58] Bonnici (1992), p. 236.

[59] *'Ruħ il-mingħul inti ma tridx tismagħni, naqtagħlek rasek, nixħtek barra'.* AIM, Proċ. 135A, f.134r. Cf. Ciappara (2001), p. 70.

*mingħul:* dimonju; ħlejqa ta' barra minn hawn; raġel imxajtan, qalil u bla rażan. Cf. Erin Serracino-Inglott, *Il-Miklem Malti*, Vol. I–IX, Malta, 1975–89, *sub* 'mingħul'.

[60] *'Li kont nilħaq 'l Alla kont nagħmlu biċċiet taħt riġlejja'.* AIM, Proċ. 134A, f. 271r. Cf. Ciappara (2001), p. 93; u Bonnici (1994), p. 488.

[61] *'. . . noqtlu, jew naqtagħlu għonqu'.* AIM, Proċ. 135B, f. 550r. Cf. Ciappara (2001), p. 93.

[62] Dawn is-suriet ta' dagħa huma diskussi minn Alexander Bonnici f'*Maltin u l-Inkiżizzjoni f'Nofs is-Seklu Sbatax*, Malta, 1977, pp. 176–7.

[63] *'Alla ma jridx jismagħni*
*Mela Alla mhux tas-sewwa*
*M'hemmx infern, lanqas ġenna*
*lanqas purgatorju.'*
*AIM, Proċ. 133A, każ 287.*

Fl-1785, Maria Mizzi, mill-Għarb, tant kienet mgħaddba li Felice Asciaq ma żżewwiġx lil bintha li ħarġet tgħid lill-ġirien li dan ir-raġel ma setax ikollu xorti ma' mara oħra: 'Chieku Felici Asiach ihgammar ma martu inhget illi Alla meusc Alla ta seua'.[64] Fl-1790, ċertu Antonio mir-Rabat, Għawdex, ħares lejn il-kurċifiss u qallu: 'Inti mintisc Alla, haliesc matamelsc isseua.'[65] Fl-1794, fi żmien l-Inkwiżitur Carpegna, Evangelista Busuttil, omm fqajra mix-Xewkija li lanqas biss kellha biex titma' 'l uliedha, tant indannat bis-sehem miżeru li messha fil-wirt li esklamat: 'Immela Alla lancas jamel isseua.'[66] Dawn l-istqarrijiet żgur li kienu joħorġu mill-fomm ta' nies iddisprati jew mifnija bis-saram.

Min-naħa l-oħra, hi dagħwa jekk wieħed bi kliemu jċaħħad 'l Alla minn xi ħaġa li ma tistax tkun ħlief tiegħu biss. Każ bħal dan jista' jkun meta wieħed jgħid li l-bnedmin ma nħolqux minn Alla jew li mhux veru li Hu għadu jieħu ħsieb il-ħlejjaq tiegħu. Fl-1738 xi ħadd lissen din id-dagħwa: 'tascrach irruh ta li scalchech fid digna iech em li scalchech fid digna'.[67]

Hi dagħwa jekk wieħed jagħti lill-ħlejjaq dak li mhux suppost jingħata ħlief 'l Alla jew jekk jgħid li xi ħlejqa hi aħjar jew aqwa minn Alla; għalhekk, il-qima divina li tingħata lil xi ħlejjaq hi dagħwa kontra l-Mulej. Fl-1743 wieħed Għawdxi lissen dan il-kliem: 'Narra il Miniel titcarben bi ruhi, iech iena interessajtu dax li tisua chibrita.'[68] Hawn l-implikazzjoni hi li l-persuna tixtieq tikkomunika max-xitan bl-istess mod kif in-Nisrani jemmen li jikkomunika ma' Kristu fit-Tqarbin. L-intenzjoni, madankollu, m'hijiex ċara; il-midgħi seta' qal dal-kliem bla ħsieb ta' xejn f'mument ta' rabja jew dispramenṭ, aktar milli għax kien iħaddan tassew din ix-xewqa.

Hi dagħwa wkoll meta wieħed jitkellem fuq Alla b'sens ta' tkasbir jew meta jipprova jwaqqa' għaż-żuffjett lil Alla jew xi ħaġa kkonsagrata lilu. L-eżempji f'dan ir-rigward huma kotrana. Il-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju, mill-ġabra qasira tas-sentenzi li l-Inkwiżitur Acquaviva d'Aragona kien qed jibgħat fl-1692, ikkonkludiet li d-dagħwa 'Jaħraq dinek' kienet l-aktar waħda komuni f'Malta;[69] normalment din

---

[64] *'Kieku Feliċ Asciaq jgħammar ma' martu ngħid illi Alla mhux Alla tas-sewwa'*. AIM, Proċ. 134A, f. 69r. Cf. Ciappara (2001), p. 94.

[65] *'Inti mintix Alla, għaliex ma tagħmilx is-sewwa'*. AIM, Proċ. 135B, f. 581r. Cf. Ciappara (2001), p. 93.

[66] *'Immela Alla lanqas jagħmel is-sewwa'*. AIM, Proċ. 136A, f. 55r. Cf. Ciappara (2001), p. 93.

[67] *'Taħraq ir-ruħ ta' li ħalqek fid-dinja jekk hemm li ħalqek fid-dinja'*. AIM, Proċ. 117B, f. 635r. Cf. Paul Farugia, 'Aspects of Life in Malta as Seen in the Records of Mgr Luigi Gualtieri, Apostolic Delegate and Inquisitor in Malta, 1739–43', teżi mhix ippubblikata, ippreżentata għall-grad ta' M.A., l-Università ta' Malta, 1981, p. 201.

[68] *'Nirra l-imniegħel titqarben b'ruħi, jekk jiena interessajtu daqs li tiswa kubrita'*. AIM, Proċ. 119A, f. 145v. Cf. Farrugia (1981), p. 212.

*kubrita* tista' tfisser: (a) sulfarina, (b) ħaxixa tal-kanali, u (ċ) tonnina (ħuta). L-ewwel sens joqgħod tajjeb. Cf. Joseph Aquilina, Maltese-English Dictionary, Vol. I, Malta 1987–90, pp. 700–01; u Serracino-Inglott, Vol. V, 196–97.

[69] *dinek* < din: (a) twemmin reliġjuż; (b) fehma politika; (ċ) ġudizzju, opinjoni, dispożizzjoni, xeħta, ġibda; (d) metodu ta' tmexxija, politika. L-idjoma Maltija 'bniedem ta' din (għalih)' tfisser xi ħadd li jagħmel kif jidhirlu hu, u ma jismax milli jgħid ħaddieħor. L-idjoma 'hekk jgħid dini' tfisser 'din hi l-opinjoni tiegħi'.

kienet tiġi tradotta għat-Taljan bil-frażi: '*Sia abbrugiata la tua fede.*' B'hekk, fil-parti l-kbira tal-każi, il-midgħi kien jisħet it-twemmin tal-persuna l-oħra billi jixtieq il-ħruq, jiġifieri l-qirda kompleta ta' Alla, tal-qaddisin, u tal-Fidi Kattolika.[70] Drabi oħra kienet tintuża l-espressjoni '*malaviaggia*', segwita bl-isem ta' Alla, xi wieħed mill-attributi tiegħu, l-isem ta' xi qaddis, jew bil-frażi '*la tua legge*'.[71]

Fl-1702, fi żmien l-Inkwiżitur Ferrero di Messerano, ċerta Gratia ddenunzjat lil żewġha Alberto Bezzina meta stqarret li fl-erba' snin li kien ilhom miżżewġin tiftakru jidgħi kontinwament. Anki l-ġara tagħha, Paulica, semgħetu jidgħi: 'jiahrak il fidi tiec'.[72] Eżempji oħra bl-istess formula huma: 'Jahrach min rabba il Cristu fis-sema' (Giusè Buhagiar mir-Rabat, Għawdex, fl-1785);[73] 'Morru, iahrach din ta' ligi tacom, iahrac din tal Caddis tacom' (ilsir Nisrani jismu Agostino, fl-1751);[74] 'Jahrach din caddisech' (akkużat mhux magħruf);[75] 'Iahrac ruk min hamel l'appostli';[76] u 'Iahrac ruk l'Angelu li talap halich biesc sirt'.[77] L-aħħar żewġ stqarrijiet, iddatati 1790, kienu ta' l-istess Salvu Attard, minn Ta' Sannat, li ssemma diġà.

---

Għal xi ħadd malizzjuż jew qalbu ħadra ngħidu li hu ta' din ħażin; fil-fatt il-qawl Malti jgħid: 'Din ħażin, ħażin jibqa.' Il-frażijiet 'aħraq din is-sanġakk tiegħek' u 'aħraq dinek int u s-sultan tiegħek' kienu jingħadu ta' sikwit b'sens ta' saħta fil-konfront tat-Torok u l-furbani Misilmin. 'Jaħraq dinu' hija idjoma li tingħad bi stmerrija għall-fehmiet ta' xi ħadd. Tant hu hekk li għal raġel ġwejjed ngħidu: 'Lanqas qatt ma jgħid *Jaħraq dinu.*' Espressjonijiet oħra jinkludu: 'jaħraq dinu l-faqar', 'jaħraq din il-Latin', u 'jaħraq dinha l-għaġla'. Cf. Karm Fenech, *Idjomi Maltin*, Malta, 1984, p. 51; Joseph Aquilina, *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs*, Malta, 1986, p. 242; Ġino u Anna Muscat Azzopardi, *Kif Ngħiduha?*, Malta, 1975, p. 23; Aquilina (1987–90), *sub* 'din' u 'ħaraq'; u Serracino Inglott, *sub* 'din'.

70 Farrugia (1981), p. 199, u Bonnici (1992), pp. 266–7.

71 Dawn huma xi ftit mid-dagħwiet irreġistrati bit-Taljan, iżda li probabbilment tlissnu b'ilsienna: '*Malaviaggia il tuo santo*'; '*Malaviaggia il santo che ti salvera anche se fosse Cristo stesso*'; '*Malaviaggia l'anima di Dio che vi viene nel mondo*'; '*Malaviaggia l'anima del papa che vi ha fatto sacerdote*'; '*Malaviaggia chi creò il Mondo*'; '*Malaviaggia la fede di quel Dio che v'ha creato*'; '*Malaviaggia il vostro santo, e la vostra fede*'; '*Malaviaggia l'anima di chi vi ha battezzato*'; '*Malaviaggia la fede di quel parrocho che vi ha battezzato*'; '*Sia abbrugiata la vostra fede*'; '*Sia brugiata la fede di chi mi poteva abbissarre e non habbia abbassati*'; u '*Sia abbrugiata l'anima vostra*'.

72 '*jaħraq il-fidi tiegħek*'. AIM, Proċ. 97B, ff. 653r–658v. Cf. James Debono, 'Women, the Sacred and the Inquisition, 1678–1710: A Study on Female Religious Perceptions, Values and Behaviour', teżi mhix ippubblikata, ippreżentata lill-Fakultà ta' l-Arti għall-grad ta' M.A., l-Università ta' Malta, 1998, p. 148.

Probabbilment il-kelma 'ħaqq', li llum tintuża f'ħafna mid-dagħa, hija korruzzjoni tal-kelma 'taħraq' ta' dari; u għalhekk aktarx m'għandha x'taqsam xejn, f'dan il-kuntest, mas-sens ta' ġustizzja, kif soltu nifhmu. Hekk, per eżempju, jingħadu: 'ħaqq it-Torok', 'ħaqq id-dinja', 'ħaqq ix-xjaten', u l-bqija. Biss hu sinjifikanti ħafna li jingħadu wkoll 'ħaqq dini' u 'ħaqq ruħi' li jidhru jorbtu sewwa mal-formula l-antika. Il-kelma 'ħaqq', fil-fatt, illum tintuża f'fomm xi Maltin fid-dagħa billi magħha jiżdied l-isem ta' Alla, tal-Madonna, ta' xi qaddis/a, jew xi ħaġa oħra sagra.

73 '*Jaħraq min rabba lil Kristu fis-sema*'. AIM, Proċ. 134A, f. 7r. Cf. Ciappara (2001), p. 322.

74 '*Morru, jaħraq din tal-liġi tagħkom, jaħraq din tal-Qaddis tagħkom*'. AIM, Pro. 122C, f. 1011r. Cf. Ciappara (2001), p. 322.

75 '*Jaħraq din qaddisek.*' AIM, Proċ. 129, f. 129r. Cf. Ciappara (2001), p. 322.

76 '*Jaħraq ruħ min għamel l-appostli.*' AIM, Proċ. 135B, f. 550r. Cf. Ciappara (2001), p. 322.

77 '*Jaħraq ruħ l-Anġlu li talab għalik biex sirt.*' AIM, Proċ. 135B, f. 550r. Cf. Ciappara (2001), p. 322.

Xi drabi d-dagħa kien ikun saħansitra rrimat. Fl-1741, fi żmien l-Inkwiżitur Gualtieri, Għawdxi seħet lil martu hekk:

'Tahraq iddin ta dauch
il caddisin li amluch,
li imiscuch.
Tahrac iddin ta dak
Alla li halchec,
li acdech
u li amlech'[78]

Fl-1741 ukoll, Malti miżżewweġ Għawdxija kien irrappurtat li dagħa f'diversi okkażjonijiet: 'Iahrac irrùh tal Caddis tiahac. Iahrac irrùh tal Caddis li hallatni miahac.'[79]

Id-dagħa bil-Madonna kien irrappurtat ukoll. Xi ħadd imlaqqam 'Il Vec', minn Ta' Sannat, fl-1788 instema' jgħid '*nella lingua nostra nativa*': 'Il Madonna ma ckabesc ucol? Umela chif vildet?' Verżjoni oħra tgħid: 'Il Madonna ma cakbec sa ma kamlet il binha?'[80] Meta Angela Attard semgħet lil ommha tgħidilha biex titlob lill-Verġni Mbierka waqt il-purċissjoni ta' Santa Marija fir-Rabat, Għawdex, hija seħtet: 'Jahrach ruh il Madonna'.[81]

Id-dagħajja li kienu jiġu ġġudikati u kkastigati mis-Sant'Uffizju kienu dawk li jkunu ħatja ta' dagħa eretiku. Fil-prattika, id-dagħa eretiku jissarraf f'dan li ġej jew f'kelmiet oħrajn li għandhom l-istess sens: 'Jiena niċħad 'l Alla; ħa jibqa' f'wiċċ Alla; ja Alla, int traditur, int bla ħila; ja qaħba ta' mara (lill-Madonna)'. Fi ftit kliem id-dagħa eretiku hu kull espressjoni li hi kontra l-artikli tal-Kredu.[82] L-Inkwiżitur kien jeżamina tajjeb jekk dawk il-frażijiet ta' dagħa ntqalux f'mument ta' rabja jew meta wieħed kien jaf sewwa x'qed jgħid. F'każ ta' vizzju, l-Inkwiżitur kien fid-dmir

[78] *'Taħraq id-din ta' dawk
il-qaddisin li għamluk
li jmexxuk.
Taħraq id-din ta' dak
Alla li ħalqek
li għaqqdek
u li għamlek.'*
AIM, Proċ. 1198, f. 627r. Cf. Farrugia (1981), p. 202.

[79] *'Taħraq ir-ruħ tal-qaddis tiegħek. Taħraq ir-ruħ tal-qaddis li ħallatni miegħek.'* AIM, Proċ. 119B, f. 686r. Cf. Farrugia (1981), p. 203.

[80] *'Il-Madonna ma qaħbitx ukoll? Immela kif wildet?'*; u *'Il-Madonna ma qaħbitx sa ma għamlet lil binha?'* AIM, Proċ. 135A, ff. 42r–43r. Cf. Ciappara (2001), p. 94. Il-verżjoni Taljana fl-istess test tgħid: *'La Madonna non l'ha fatta da puttana finche hà fatto il di lei figlio?'* Mhux l-ewwel darba li l-Maltin sejħu lill-Madonna *'puttana di Dio'* ('il-qaħba ta' Alla'). Fl-1742, l-Għawdxi Dun Nikola Zammit skandalizza lil ommu u lil ħuh, Dun Ġużepp, meta fir-rabja qal 'Madonna tal-Miniel' li tfisser 'Madonna tax-Xjaten'. AIM, Proċ. 118A, ff. 457r–461r. Cf. Bonnici (1994), p. 158.

[81] *'Jaħraq ruħ il-Madonna.'* AIM, Proċ. 133A, f. 284r-293r. Cf. Camenzuli (1999), p. 142.

[82] Bonnici (1977), p. 177.

li lill-mixli jurih x'għandu jagħmel biex jaħrab mill-okkażjoni.[83] Kien x'kien l-inkwiżituri kollha ammettew li l-battalja kontra d-dagħa kienet mitlufa għax ebda ammonizzjoni u ebda kastig ma setgħu jrażżnu lill-Maltin.

### 3.2. Is-Sagramenti

Il-Konċilju ta' Trentu kien saħaq ħafna fuq l-importanza u l-grazzja tas-Sagramenti.[84] Għaldaqstant, kull abbuż kellu jiġi investigat, u jekk misthoqq, ikkastigat. L-Inkwiżizzjoni, per eżempju, ma kinitx tippermetti l-magħmudija ta' adult li ma jkunx imħejji dottrinalment minn qabel. Fl-1784 Pulcra Bonnici, li kienet toqgħod f'kantina fi Triq il-Pilar, il-Belt Valletta, kienet imwiddba severament mill-Inkwiżitur Zondadari talli, mingħajr intenzjoni ħażina, kasbret dan is-sagrament. Kienet tħassret tifla Musulmana ta' ħmistax-il sena, u biex mingħaliha tagħmel opra ta' karità kienet qalet fuqha: 'Inghamdech flisem tal Missier, ta Liben u ta l'Ispirtu Santu, u natich l'isem ta Maria.'[85]

Luteru kien ħadha mal-Knisja Kattolika fuq it-tagħlim li jirrigwarda t-transustanzjazzjoni tal-ħobż u l-inbid fl-Ewkaristija. Għalhekk l-istqarrija ta' l-Għawdxi Santo Bigeni mix-Xagħra –'mita nitcarbnu dach niohdu, meusx Alla, imma hops t'Alla'[86] – bilfors li kellha tiġi investigata mit-Tribunal. Verżjoni oħra ta' l-istess ereżija sagramentali kienet: 'Mita jatuna il benedizioni, dach mahuiesc Alla, imma hops t'Alla.'[87] Dan il-każ seħħ fl-1792 fi żmien l-Inkwiżitur Gallarati Scotti.

### 3.3. Inkanteżmi u Sħarijiet

Meta l-Konsultur ta' l-Inkwiżizzjoni ta' Malta, Sebastaino Salelles, niżżel il-kumment tiegħu fuq is-superstizzjonijiet ta' Malta f'nofs is-seklu sbatax (1651) kiteb li l-proċessi ta' l-Inkwiżizzjoni kontra s-sħarijiet li xterdu speċjalment mill-Maltin, minn nisa qħab u mis-sħaħar, bilkemm qatt setgħħu jintemmu. L-ilsiera kienu jiġġerrew ma' kullimkien u jitkellmu ma' kulħadd. Minkejja li ħafna mill-Maltin kienu illitterati setgħu jikkomunikaw faċilment ma' dawn l-iskjavi Mori minħabba l-qrubija ta' lsienhom. Għalhekk f'Malta, bħal f'pajjiżi oħra, komplew jidħlu amuleti u talismani, kitbiet imsaħħrin, taħlitiet, xorb, u għemejjel superstizzjużi.[88]

---

[83] Bonnici (1977), p. 180.

[84] Cf. Emanuel Mizzi, 'The Council of Trent as a Basis of Church Reformation', teżi mhix ippubblikata, ippreżentata għall-grad ta' B.A. (Gen.), l-Università ta' Malta, 1968.

[85] *'Ingħammdek fl-isem tal-Missier, ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu, u nagħtik l-isem ta' Marija.'* AIM, Proċ. 133A, ff. 365r–367v. Cf. Ciappara (2001), p. 126.

[86] *'meta nitqarbnu dak li nieħdu mhux Alla, imma ħobż t'Alla.'* AIM, Proċ. 135B, f. 870v. Cf. Ciappara (2001), p. 126.

[87] *'Meta jagħtuna l-benedizzjoni, dak mhuwiex Alla, imma ħobż t'Alla.'* AIM, Proċ. 135B, f. 870v. Cf. Ciappara (2001), p. 126.

[88] Sebastiano Salelles, *De materiis tribunalium S. Inquistionis: seu de regulis multplicibus pro formando quovis eorum ministro, praesertum consultore, praemissis xiii prolegomenis de origine et progressu dictorum tribunalium*, Vol. I–III, Ruma, 1651–55. Cf. Bonnici (1977), p. 93.

Fi kliem l-Inkwiżitur Federico Borromeo (1653–55), l-awtur tar-'Relazione di Malta e suo Inquisitorato', l-akbar numru ta' vittmi marbuta ma' sħarijiet kienu nisa. Dan kien kunċett paternalistiku komuni f'dak iż-żmien, iżda l-evidenza turi li prostituti inġenwi, xjuħ senili, u persuni li jibilgħu kollox kienu jiġu influwenzati faċilment mill-imbruljuni li kienu jiġġerrew mal-belt Valletta. Dawn kienu jxerrdu fost il-Maltin it-twemmin imsejken tagħhom: suriet differenti ta' duwa maġika, il-biża' mill-għajn, u formuli ta' seħer miktubin fuq bċejjeċ ta' karti, sew biex jisħtu lil xi ħadd b'xi magħmul (*fattura*) u sew biex jiġbdu l-attenzjoni amoruża ta' xi ħadd.[89]

L-Inkwiżitur kien jaf tajjeb li l-inkanteżmi u l-iskonġuri[90] minsuġa mill-poplu, imżewqa b'talb u invokazzjonijiet lill-qaddisin, ma kienu xejn għajr il-frott ta' l-injuranza reliġjuża miżrugħa fi mħuħ imħawda. Kienu jafu wkoll li l-maġija popolari kienet ġejja mit-twemmin pagan u mis-superstizzjonijiet folkloristiċi, u mhux minn xi ħażen ta' ispirazzjoni satanika (*maleficium*).[91] Mili jidher ħafna kienu jsawru l-inkanteżmi biex ifejqu l-mard jew biex jisseduċu lil ħadd. Dawn ta' l-aħħar kienu jissejħu *incanti ad amorem*.

Fis-snin 1600–01 Betta Caloiro (Coleiro), mara xiħa ta' madwar tmenin sena, imlaqqma 'Mineichiret' ('Mnejħret') minħabba l-imnieħer mgħawweġ li kellha, dehret quddiem l-Inkwiżitur Verallo billi ħafna kienu jqisuha li kienet *magara* (saħħara). Hija stqarret li minn mindu kienet għadha tifla kellha relazzjoni intima kontinwa ma' mingħul imlaqqam *farfarello*. Biex ipattilha għall-favuri sesswali li kienet tikkonċedilu, huwa kien għanieha bi flus u poteri maġiċi. Eventwalment Betta irrinunzjat l-għemejjel żienja tagħha u ntbagħtet tmien snin ħabs. Madankollu, matul il-priġunerija tagħha, hija xorta baqgħet, xi kultant, tinvoka lil dan *farfarello*. Fl-1605, wieħed mill-gwardjani tal-ħabs, Antonio Napolitano, saħansitra semagħha tgħid *'in verba idiomate militensi seu arabico'*: 'Merchiba Merchiba bich harusi ma tigix tarani, ena hauni carcerata haij chasara.'[92]

Fil-11 ta' Ġunju, 1625, fi żmien l-Inkwiżitur Onorato Visconti, Lorenza Fatredina mill-Belt Valletta tat deskrizzjoni ddettaljata tar-riti maġiċi li kienet twettaq sidtha, il-korteġġjana magħrufa Serafina Daniela. Fost ħwejjeġ oħra, fix-xhieda tagħha jidher dan il-magħmul li Serafina allegatament irreċitat bl-*arabico* (jiġifieri bil-Malti) biex tisseduċi l-maħbub tagħha:

Jannar Jannar Jachnin Je hiabbar N. chihed fuch siggiu mente en nar. Ihet zarbunu nar, calzettich nar calzitu nar chamistu nar, zachtu nar teuchu nar cappellu nar col me fuchu nar ihaiad Jannar Janar Jachnin Je giabbar enfachhet tebhitu mezhutu mezhuttu ihaiad Jannar Jannar Jachnin Je giabbar Je

[89] Bonnici (1977), p. 111. Fuq dan is-suġġett cf. Debono (1998). It-test sħiħ tar-'Relazione' deher f'*Malta Letteraria*, Vol. II, Malta, 1927, pp. 47–56, 115–20, 149–53, 185–91.

[90] Fid-dokumenti ta' l-Inkwiżizzjoni l-invokazzjonijiet maġiċi jissejħu *scongiuri* jew *orazioni* .

[91] Alexander Bonnici, 'Superstitions in Malta Towards the Middle of the Seventeenth Century in the Light of Inquisition Trials', *Melita Historica*, Vol. IV Nru. 3, Malta, 1966, p. 145–83.

[92] *'Merħba merħba biex għarusi ma tiġix tarani, jiena hawn ikkarċerata* (ikkalzrata) *jaħasra.'* AIM, Proċ. 24A, f.10r. Cf. Carmel Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition*, Malta, 1996, p. 22. Betta, bla dubju ta' xejn, kienet tbati minn xi sura ta' delużjoni mentali li kienet tippreċipita fantasiji sesswali koroh. Mietet fil-ħabs ta' l-Inkwiżitur fl-1608.

xibich Jebni f,idi el hayta f,idi el chrara, Jommi me hù quact el chin hu le huact essehen chihde N. F'escherni fuch fachme endiana, t'hahrachni t'hahrachini t'leblibni t'leblebni hu rmit tamelni, Jebni t'mur beslime darhe hu ahmel al chalhe.[93]

Fl-1739, wara li telaqha l-maħbub tagħha, waħda mara fittxet l-għajnuna ta' lsira Musulmana. Bħala rimedju din qaltilha biex tirripeti żewġ orazzjonijiet. Il-Maltija, meta dehret quddiem l-Inkwiżitur, qalet li nsiet waħda minnhom, iżda rnexxielha tiftakar l-oħra: 'Sceb scebbeitech, bil ascra iena taitech, inti nar u iena taffeitech.'[94]

Fl-1600 it-terzjarja Karmelitana Ventura Busuttil, miż-Żejtun, marret għand is-saħħara Betta Caloiro (imsemmija aktar 'il fuq) biex teħles lil ħuha għażeb, Andrea, mill-għajn ħażina. Betta ppruvat tfejqu b'diversi talbiet u misturi maġiċi. Fost ħwejjeġ oħra rreċitat din it-talba 'moreska': 'ò melch bumelich, hielachech ixemxex, hu inexifech Irrich, tigimihech Ixibeb, tihabigh idduep.'[95]

Ħafna drabi, in-nies kienu jirrikorru għas-seħer wara li jkunu qatgħu qalbhom mit-tobba u l-ispiżjara. Ir-rimedji kienu jinvolvu filtri u ħxejjex mediċinali, imwieżna b'talb u formuli maġiċi. F'Malta, l-aktar rimedju popolari kien il-fumigazzjoni tal-pazjent b'oġġetti maħruqa, iżda xi drabi l-hekk imsejħa sħaħar kienu sempliċiment imissu jew ixarrbu l-parti milquta. Hekk ngħidu aħna fl-1602 Helena, magħrufa bħala Luna, mart Pietro Periano minn Birkirkara, spjegat kif kellha l-ħila tbarri l-għajn ħażina billi taħsel u tiffumiga l-pazjent waqt li terreċita l-*Pater Noster*, l-*Ave Maria*, il-Kredu, u xi talb ieħor. Xi drabi kienet tlissen ukoll dawn l-inkanteżmi bil-Malti: (a) 'hain chachla hain xehla et hain collia ena nerchiha ù nachta el heiun

---

[93] '*Jannar, Jannar ħanin li jġabbar* (jiġbor) *N.* (isem il-maħbub). *Qiegħed fuq siġġu minn tan-nar. Qiegħed żarbunu* (iż-żarbun tiegħu) *nar, kalzettih nar, qalzietu nar, qmistu nar, zaqqtu* (il-ġakketta/il-kapott tiegħu?) *nar, tewqu* (il-kullar tiegħu) *nar, kappellu* (il-kappell tiegħu) *nar, kulma fuqu nar, jgħid Jannar Jannar ħanin li jġabbar, infaqgħet tebgħetu mezhutu mezhuttu* (?) *jgħid Jannar Jannar ħanin li jġabbar, x'ibik ja ibni f'din il-għajta f'din il-ħrara, j'ommi mhux waqt il-ħin u le waqt is-sehen* (?) *jgħid N. f'seħerni* (?) *fuq faħma Indjana, taħraqni taħraqni tleblibni tleblibni u rmied tagħmilni, ja ibni tmur bis-sliema f'daru u agħmel li qallek.* ' AIM, Proċ. 44B, f. 657r-v. Cf. Cassar (2000), p. 177. Innota l-użu interessanti ta' *f,* (bil-virgola) flok *f'* (bl-apostrufu) tal-lum.

*tewqu* < tewq: kull ħaġa, aktrax dejqa, li wieħed ixidd madwar għonqu; għonq illamtat li jinqafel bil-buttuni mal-qmis; ċinta tal-qmis; kullar ta' qassis. Cf. Serracino-Inglott, *sub* 'tewq'.

[94] *Xebb xebbejtek, bl-għaxra jiena tajtek, inti nar u jiena taffejtek.*' AIM, Proċ. 117C, f. 1057v. Cf. Farrugia (1981), p. 264.

*Xebb* tista' tfisser: (a) raġel, ġuvni, żagħżugħ; (b) ħaxixa ta' l-irmied; (ċ) il-pjanta ta' l-alume; jew (d) nefħa. Fil-kuntest l-ewwel tifsira hi l-aktar waħda li toqgħod. Jekk hu hekk, *xebbejtek* probabbilment tintrabat mal-verb 'xebbeb' li jfisser 'wassal sa l-għomor tax-xbubija (pubertà); kabbar it-tfal u għamilhom żgħażagħ.' L-idjoma Maltija tgħid: 'Iż-żmien ixebb il-bniet u s-subien. Cf. Aquilina, (1987–90), *sub* 'xebb'; u Serracino-Inglott, *sub* 'xebb'.

[95] *'o melħ bumiela?, jilagħqek ix-xemx, u jnixxfek ir-riħ, tiġimgħek ix-xibeb, tgħabbih id-dwieb.'* AIM, Proċ. 19B, f. 477v. Cf. Cassar (1996), p. 34.

*Xibeb* (*xebeb*) hi plural miksur ta' *xebba* (fuq il-mudell *kobba – kobob*); illum ngħidu *xebbiet*; fil-kuntest għandha s-sens ta' 'tfajliet sbieħ', kif jifhmuha l-Għarab.

*Dwieb* hija l-plural ta' *debba.* Cf. l-istudju ta' Carmel Cassar, *'U Mulu Di Malta:* The Maltese Trade in Donkeys and Mules', *Storja 1996*, Malta, 1996, pp. 12–20.

men fuchiha elli chenu mia,' u (b) 'chamsa hu chimeisa fuhaijar ù nimeisa, duheiba mesruga, hu min hainu tichun hainu machirugia'.[96]

Din Helena stqarret li kienet fejqet għadd kbir ta' nies f'medda ta' erbgħin sena; hija ftaħret ukoll b'orazzjoni li hi rreċitat fuq waħda mill-ġirien tagħha, jisimha Paula, xi snin qabel l-Assedju ta' l-1565. Hi kienet tgħallmet din il-formula maġika mingħand mara oħra minn Birkirkara, imlaqqma 'Duca', li baqgħet magħrufa fost in-nies tal-lokal, anki wara mewtha, bħala saħħara mill-aqwa. L-orazzjoni kienet tgħid: 'chamar hia chammara tetla menbein legibel hue tighib ben lachsara mur ù gibili (?) el chadem bent hattara elli handiha zuemel mitein mur hugibili el Hazizi lu chen fein, mur gibihuli fi bebi bexj bel chasap en cassibu'.[97]

L-inkanteżmi tas-sħaħar kienu jħaddnu wkoll ħafna talb li kien jinvoka l-interċessjoni tal-qaddisin, xi ħaġa li, sintendi, kienet approvata mill-Knisja. Dan kien iwassal għal taħlita bejn devozzjonijiet aċċettati u skonġuri kundanabbli. Fl-1602 ukoll Catherina Borg, armla ta' 85 sena minn Birkirkara, spjegat kif bis-saħħa ta' tliet orazzjonijiet bil-Malti fejqet ħafna nies mill-uġigħ ta' ras u minn kull xorta ta' mard ieħor. Biss, quddiem l-Inkwiżitur Verallo, stqarret li xorta kienet tapplika metodi 'dubjużi' oħra, fosthom il-ħasil b'filtri maġiċi. Dawn it-tliet inkanteżmi kienu: (a)

---

[96] (a) *'Għajn kaħla għajn xegħla u Għajn Kollija jiena nirqiha naqta l-għejun minn fuqha illi kienu mija.'* AIM, Proċ. 20A, f. 63r. Cf. Cassar (1996), p. 35. (b) *'Ħamsa u ħimejsa* (dim. ta ħamsa) fuħħajr (dim. ta' fuħħar?) mimejsa (?), *duħejba* (dim. ta' biċċa deheb ?) *misruġa, u min għajnu tkun għajnu maħruġa.'* AIM, Proċ. 20A, f. 63r. Cf. Cassar (1996), p. 35.

*Xegħla* tfisser 'iffjammata'. Serracino-Inglott, *sub 'xegħla'*.

Għajn Kollija hija medda art agrikola fil-limiti ta' l-Imdina; imsemmija diġà fis-seklu ħmistax. Kullija hu isem Għarbi. Cf. Godfrey Wettinger, *Place-Names of the Maltese Islands, ca. 1300–1800*, Malta 2000, p. 185.

*nerqiha* < reqa (raqa, riqa): qara fuq ras xi ħadd biex jikser seħer jew magħmul, skonġra, barra l-għajn il-ħażina, fejjaq bi kliem maġiku s-suffejra; kliem ir-reqi (riqi): kliem biex ineħħi seħer jew għajn ħażina. Serracino-Inglott, *sub* 'reqa'. Interssanti l-fatt li l-verb 'raqa' fl-Għarbi jfisser sewwasew 'fejjaq bis-seħer'. Cf. David R. Marshall, 'A Comparative Study of Some Semantic Differences between Maltese and Koranic Arabic', *Journal of Maltese Studies*, Nru 9, Malta 1973, *sub* 'raqa', p. 34. Qwiel Maltin marbuta ma' l-għajn jinkludu: 'Fejn tidħol l-għajn bil-għawġ sigħajn' u 'Alla jħarsek minn kull għajn.' Cf. Aquilina (1986), p. 496.

L-espressjoni 'ħamsa f'għajnejk' hi imprekazzjoni komuni fl-Afrika ta' Fuq, speċjalment fit-Tuneżija u l-Alġerija. Cf. Serracino-Inglott, *sub*, 'ħamsa'.

[97] *'Qamar ja qammâra titla' minn bejn il-ġebel* (l-iġbla, l-għoljiet) *u tgħib bejn l-għaxra* (?), *mur u ġibli l-għadam bint ħattara illi għandha żwiemel mitejn, mur u ġibli lill-għażiżi li kien fejn* (hu fejn hu), *mur ġibhuli f'biebi biex bil-qasab inqassbu.'* AIM, Proċ. 20A, f. 64r. Cf. Cassar (1996), p. 36.

*qammâra*: li tqammar, li tqanqal bil-qawwa tal-qamar. Xi ħadd epilettiku (li jbati b'tal-qamar) jgħidulu 'qammar'; 'qamar qammar' jista' jfisser 'qamar kwinta, mimli, imdawwal'. Cf. Aquilina, (1987–90), *sub* 'qamar'; u Cf. Serracino-Inglott, *sub* 'qammar'.

*Ħattara* jista' jkun isem Għarbi ta' mara. Abbli għandu x'taqsam mal-kelma *'attâr* li tfisser 'spiżjar, bejjiegħ tal-fwejjaħ u misturi', li hi kongruenti mal-kuntest.

Fl-antik kienu jdendlu xi biċċa għadma biex inaffru l-għajn ħażina, kif jgħid il-qawl Malti: 'Il-għadma tiddendel għall-għajn'. Aquilina (1986), p. 96.

Fl-Għarbi 'qassâb' tfisser 'biċċier'. Il-kunjom Tork Kasap (li jeżisti f'Malta) għandu preċiżament din it-tifsira. Għaldaqtant, 'inqassbu' proprjament tfisser 'inbiċċru'.

'Anna santa Anna santa Maria emdanna san filep ù san gilian farchilech edach eddeni ù edach edolur elli ma hiepcha ula seha ula nihar;'[98] (b) 'Acqua benedetta ingenita Indelita esseida santa Maria santa Margarita hinechulech eddeni ù doluri elli ma hiepichihulech hula seha ule chin;'[99] u (ċ) 'Char verb Inchar San filep San Gilian Hierchi eddeni hue dolur helli ma hiepichulech hula seha hula nihar.'[100] Catherina sostniet li bl-ewwel orazzjoni, akkumpanjata bl-*Ave Maria*, kienet fejqet lil Imperia Farruge (Farrugia) minn Ħal Tarxien minn marda gravi, filwaqt li bit-tielet orazzjoni kienet fejqet lil ċertu ġuvni li kien immuta.[101]

Billi d-devozzjoni lejn il-qaddisin kienet (kif għadha) parti integrali mir-reliġjon u t-twemmin popolari, in-nies kienu pronti jirrikorru għalihom meta jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' xi għawġ, sfortuna, jew infermità. Dominichella Caruana miż-Żurrieq kienet tinvoka lil Sant'Anna, u bintha l-Verġni Marija biex ifejqu lill-morda. It-talba ta' l-omm kellha din il-formula: 'Anna Santa Anna, S(an)ta Maria Midanna, micas iddehep fideiha cassar/s dana il huegia u tarmi fissat fida il gesem ma iargia cat.' Dan ġara fl-1681 fi żmien l-Inkwiżitur Cantelmo.[102]

Anna, l-armla ta' Andrea Fenech minn Ħal Lija, dehret quddiem it-Tribunal fil-bidu ta' l-1791 talli flimkien mas-*Salve Regina*, irreċitat il-formula popolari: 'Iech il hain hi cahla tmur phal nahla, u iech il hain hi zercha tmur phal berca.'[103]

---

[98] *'Anna Santa Anna Santa Marija mdanna San Filep u San Ġiljan tirqilek (?) dak id-deni u dak id-dulur illi ma jibqa' u la siegħa u la nhar.'* AIM, Proċ. 19A, f. 223v. Cf. Cassar (1996), p. 37.

*mdanna:* omm il-mara; kunjata. Cf. il-qawl Malti: 'Fejn l-imdanna tgħix mal-kenna, f'dik id-dar ma jkunx hemm ġenna.' Aquilina, (1987–90), *sub* 'madanna'. L-allużjoni għal Sant'Anna, omm il-Madonna, tinftiehem malajr billi din il-qaddisa kienet ta' sikwit tiġi invokata f'orazzjonijiet kontra l-mard.

[99] *'Acqua benedetta* (ilma mbierek) *ingenita indelita isseida* (?) *Santa Marija Santa Margerita ineħħulek id-deni u d-duluri illi ma jibqgħulek u la siegħa u la ħin.'* AIM, Proċ. 19A, f. 223r. Cf. Cassar (1996), p. 38.

[100] *'Qar verb inhar (?) San Filep San Ġiljan jirqi d-deni u d-dulur illi ma jibqgħulek u la siegħa u la nhar.'* AIM, Proċ. 19A, f. 223r. Cf. Cassar (1996), p. 38.

[101] Cf. Cassar (1996), pp. 37–8.

[102] *'Anna Santa Anna, Santa Marija mdanna, imqass id-deheb f'idejha, qassar/s dina l-weġġħa/ħwejġa* (diminuttiv ta' ħaġa) *u tarmi fissat* (?) *f'idha l-ġisem ma jerġa' qatt.'* AIM, Proċ. 82A, f.128v. Cf. Debono (1998), p.73.

[103] *'Jekk il-għajn hi kaħla tmur bħan-naħla, u jekk il-għajn hi żerqa tmur bħal berqa.'* AIM, Proċ. 135B, f. 451v; AIM, Proċ. 134A, f. 420v. Cf. Ciappara (2001), p. 309.

*żerqa* < iżraq: ta' lewn ikħal aktarx mitfi u jagħti fil-griż; blu ċar lewn is-sema; ċelesti; griż-blu. Serracino-Inglott, *sub* 'iżraq'.

*kaħla* < ikħal: wieħed mill-ilwien fl-iskala tal-qawsalla, bejn l-aħdar u l-vjola, iżda jvarja skond il-qawwa minn iżraq sal-vjola jew ikħal sewdieni. Serracino-Inglott, *sub* 'ikħal'. Għalhekk l-ikħal ikopri l-isfumaturi kollha tal-kulur blu, inkluż l-iżraq.

Joseph Cassar-Pullicino jagħti din il-verżjoni li ġabar minn Ħal Luqa:

*L-għajn iż-żerqa – tmur bħal berqa!*
*L-għajn is-sewda – tmur bħal mewġa!*
*L-għajn il-ħamra – tmur mar-ramla!*
*Id., An Introduction to Maltese Folk-Lore*, Malta, 1946, p. 15.

Inkanteżmu partikulari kien irreċitat kontra l-mard ta' l-għajnejn, magħruf fl-irħula bħala l-'qarnita';[104] hekk kienet l-orazzjoni ta' Maria Agius, magħrufa bħala 'Ta' Suffejra', minn Ħ'Attard fl-1788. Apparti l-invokazzjoni ta' San Luqa, San Mattew, u Santa Margerita, tissemma l-qawwa purifikanti ta' l-ilma baħar, fejn il-'qarnita' għandha terġa' lura:

'Salip in deu
Santu Luca San Matteu
handi haineia tugiahni
mur fdach il ginien
imscieitu brigleia
saccheitu biddimuh ta' haineia.
Acta bisbiesa hilua
u imsah biha haineich
u mur fi sciat il bahar
issip il carnit istaham.
Hafen seba hafniet ma seba meugiet
hasel haineich biesc isiru phal uardiet,
Santa Maria Margarita
tnahi lehbara mil carnita.' [105]

Din l-invokazzjoni hi eżempju tipiku ta' dik li kienet tissejjaħ *historiola* billi ssemmi diversi qaddisin marbutin ma' marda partikulari. Invokazzjonijiet simili ġie li kienu jinkludu xi episodju mill-ħajja ta' Ġesù, tal-Madonna, jew ta' xi qaddis partikulari, dejjem f'kuntest ta' fejqan. Tista' tgħid li l-Maltin kellhom qaddis protettur għal kull marda jew infirmità: Santa Luċija għall-għajnejn, Santa Margerita għat-tqala u l-ħlas, Santu Rokku għall-pesta, u l-bqija.

---

[104] qarnit ta' l-għajnejn: għamla ta' brimba ħamra bil-ħjut qishom swaba' li titrabba fuq tarf tal-ħabba ta' l-għajn u tifrex fuq l-abjad; trid titneħħa b'operazzjoni; isem xjentifiku *pterygium*. Serracino-Inglott, *sub* 'qarnit'.

[105] '*Salib Indew*
*Santu Luqa, San Mattew,*
*Għandi għajnejja tuġgħani.*
*Mur f'dak il-ġnien,*
*Imxejtu b'riġlejja*
*Saqqejtu bid-dmugħ t'għajnejja.*
*Aqta' busbiesa ħelwa*
*U imsaħ biha għajnejk;*
*U mur f'xatt il-baħar,*
*Issib il-qarnit jistaħam,*
*Aħfen seba ħafniet ma' seba' mewġiet*
*Aħsel għajnejk biex isiru bħal wardiet*
*Santa Marija Margerita*
*Tneħħi l-ħabar mill-qarnita.*'
AIM, Proċ. 134A, f. 438r. Cf. Camenzuli (1999), p. 76; u Ciappara (2000), pp. 310–11.

Waqt li l-Knisja ippropagat id-devozzjoni lejn il-Madonna u l-qaddisin bħala intermedjarji bejn Alla u l-umanità, fil-kultura popolari dawn kienu jinvokawhom biex jinterċiedu fil-mard u saħansitra biex jgħinu lill-prostituti jsibu aktar klijenti. Naturalment l-Inkwiżizzjoni kienet tagħmel minn kollox biex teradika dawn ir-rikorsi popolari u fl-istess ħin tħajjar lill-fidili jużaw metodi 'ortodossi', biex b'hekk il-Knisja ssaħħaħ il-monopolju tagħha anki fl-ambitu tas-setgħa sopranturali.

F'sens strettament antropoloġiku, 'il barra mill-ambitu tad-duttrina reliġjuża, is-superstizzjoni m'hi xejn għajr it-twemmin 'fieragħ' ta' l-oħrajn; l-istess, l-ereżiji m'huma xejn għajr l-ideat 'żbaljati' ta' l-oħrajn. Hu l-poter li jiddetta x'inhu superstizzjuż u eretiku minn banda, u x'inhu veru u kanoniku minn banda oħra. Per eżempju, l-Inkwiżizzjoni, appuntu minħabba s-saħħa emormi tagħha, setgħet timponi l-fehmiet li t-tbaħħir u l-orazzjonijiet maġiċi huma 'qarrieqa' u 'ħżiena' filwaqt li l-ilma mbierek u l-ilbies tal-labtu huma 'rakkommandabbli' u 'tajbin'. L-iskop ta' l-Inkwiżizzjoni kien sewwasew li ssaffi n-nies minn

---

Joseph Cassar-Pullicino, *Skunġrar u Orazzjoni fil-Poeżija Popolari Reliġjuża f'Malta*, Malta 1981, p. 20, jagħti diversi varjanti ta' din l-orazzjoni u juri li, taħt forma jew oħra, baqgħet ġejja sa żmienna. L-aktar verżjoni li toqrob lejn dik imsemmija fil-proċessi ta' l-Inkwiżizzjoni kienet, irreġistrata f'Birkirkara qabel l-1947:

*Salib indew! Salib indew!*
*San Mattija u San Mattew!*
*Għaddejt minn dik it-triq,*
*Iltqajt ma Ġesù Bambin.*
*Qalli: 'Binti, fejn int sejra?'*
*Għedtlu: 'Sejra fil-ġnien tiegħek.'*
*Qalli: Mur, binti, mur,*
*Hemm busbiesa ħelwa,*
*Aqta' rita minnha,*
*Makkagħha m'għajnejk;*
*Mur il-baħar,*
*Issib il-qarnit jistaħam,*
*Tara seba' ħafniet*
*Biex għajnejk isiru wardiet.*
*Itlob ' il Santa Margerita*
*Tneħħilek l-għabra u l-qarnita.*

Verżjoni oħra ta' l-istess orazzjoni ngħatat minn Ġwann Mamo, *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika*, Malta, 1930, p. 418. Ġabarha minn raħal twelidu, Ħal Luqa.

Fuq dan is-suġġett cf. ukoll Ninu Cremona, 'Skunġrar u Riqi', *Il-Malti*, Nru. I/VII, Malta, Marzu 1931, pp. 17–8; u Joseph Cassar-Pullicino (1947), pp. 13-8.

*jistaħam* < staħam: tkagħbar f'ilma maħmuġ mimli tajn; tqalleb u tlewwet fil-ħama. Serracino Inglott, *sub* 'staħam'.

*ħabar* (pl. ħbar jew oħbra): xniegħa ħażina; aħbar ta' swied il-qalb; tagħrifa li ġġib id-dnewwa; sensazzjoni tipika ta' min jeħber, jiġifieri ta' min ibassar dak li jkun sa jiġri; presaġju. Serracino-Inglott, *sub* 'ħabar'. Altrimenti, Cassar-Pullicino (1947), p. 16, jagħti 'l-għabra'. F'kull sens il-kelma għandha tfisser 'riżq ħażin' jew 'saħta'.

superstizzjonijiet li ma jinftehmux bir-raġuni, meta f'sens antropoliġiku ħafna mit-twemmin kanoniku daqstant ieħor ma jinftiehemx razzjonalment.[106]

## 4. Osservazzjonijiet ortografiċi u lessikali

Fi żmien meta l-ortografija Maltija kien għad baqagħlha mhux ftit biex tiġi kodifikata, l-iskribi Maltin ta' l-Inkwiżizzjoni kienu jiktbu s-siltiet bil-lingwa materna skond kif jidhrilhom, mingħajr wisq attenzjoni għar-reqqa u l-konsistenza. Hekk, per eżempju, kitbu: *talap* (talab), *issip* (issib), *idduep* (id-dwieb), *phal* (bħal), *rmit* (rmied), u *hops* (ħobż), jiġifieri mingħajr ma għarfu l-valur fonemiku ta' l-ittri radikali. Fiċ-ċirkustanzi użaw l-konsonanti mniffsa (rotob) 'p', 't', u 's' minflok il-konsonanti mleħħna (qawwija) 'b', 'd', u 'ż' rispettivament.[107] Għall-grafema /w/ kienu jiktbu 'u', bħal fil-każ ta' *seua* (sewwa), *ueci* (wiċċ), *tisua* (tiswa), *dauch* (dawk), *haun* (hawn), *zuemel* (żwiemel), *meugiet* (mewġiet), u *uardiet* (wardiet).[108] Għall-fonema /y/ (illum murija bil-graferna 'j'), normalment, kienu jiktbu 'i', bħal fil-każ ta' *taitech* (tajtek), *taffeitech* (taffejtek), *bein* (bejn), *mitein* (mitejn), u *Gilian* (Ġiljan), jew rarament 'y', bħal f'*lohrayn* (l-oħrajn).[109] Għall-fonema / / (illum murija bil-grafema 'x'), kienu jiktbu d-digraff 'sc', bħal fil-każ ta' *sciat* (xatt), *mintisc* (m'intix), *mahuiesc* (m'huwiex), *scebbeitech* (xebbejtek), *imscieitu* (imxejtu), *biesc* (biex), *haliesc* (għaliex), u *nisctech* (nixtieq), jew rarament 'sx', bħal f'*meusx* (mhux).[110] F'dawn l-eżempji tidher l-

---

[106] Jekk il-ministri ta' l-Inkwiżizzjoni kienu jieħdu bis-serjetà l-allegazzjonijiet ta' xi wħud li raw s-sħaħar gharwenin itiru bil-lejl fuq l-ixkupi, allura jfisser li kienu jemmnu fihom huma wkoll. Għal darba oħra x'inhu twemmin razzjonali u x'mhux dejjem jibqa' prerogattiva tal-ħakkiem tal-ġurnata.

[107] L-istess ħaġa tidher bnadi oħra: Megiser (1603-6) jagħti *chobs*, *siemel*, u *sotta* għal *ħobż*, *żiemel*, u *sodda*; Skippon (1664) jagħti *tahsat*, *ard*, u *sgur* għal *taħsad*, *art*, u *żgur*; I.S. Mifsud (1739-46) jagħti *tipca*, *culhat*, u *mismum* għal *tibqa'*, *kulħadd*, u *miżmum*; De Soldanis (c. 1750) juża kliem bħal *kzira*, *sap*, u *phhalek* għal *gżira*, *sab*, u *bħalek*; filwaqt li Patri Pelaġju (c. 1765–75) jagħti *pkia*, *ptàla*, u *mesbugh* għal *bqija*, *btala*, u *miżbugħ* rispettivament.

[108] Thezan (c. 1640) jagħti *üessa*, *seuüa*, u *kelua* għal *wissa*, *sewwa*, u *kilwa*; Skippon jagħti keucba, *zeugi*, u *tuil* għal *kewkba*, *żewġi*, u *twil*; Mifsud jagħti *uihet*, *leuel*, u *geua* għal *wieħed*, *l-ewwel*, u *ġewwa*; De Soldanis juża kliem bħal *uesk*, *meut*, u *dauk* għal *wisq*, *mewt*, u *dawk*; filwaqt li Patri Pelaġju jagħti *kaua*, *teuba*, u *uedna* għal *qawwa*, *tewba*, u *widna* rispettivament. Vassalli (1791) juża l-'v' flok il- 'w' fi kliem bħal *velled*, *tvennes*, u *tverver* għal *welled*, *twennes*, u *twerwer*. Anki fil-Proċessi tidher il-kelma *vildet* (wildet).

[109] Thezan jagħti *bein*, *beit*, u *bennei* għal *bejn*, *bejt*, u *bennej*; Skippon jagħti *seif*, *ssei*, u *chaia* għal *sejf*, *xejn*, u *ħajja*; Mifsud jagħti *l'aħiar*, *l-oħrain*, u *ħainein* għal l-*aħjar*, l-*oħrajn*, u *għajnejn*; De Soldanis juża kliem bħal *fein*, *ureit*, u *iżiet* għal fejn, *urejt*, u *iżjed*; filwaqt li Patri Pelaġju jagħti *halleina*, *kleima*, u *rasseit* għal *ħallejna*, *klejma*, u *rassejt* rispettivament. Interessanti l-fatt li Patri Pelaġju juża l- 'y' biex jissuġġerixxi l-ħoss ta' 'jj', bħal fil-każ ta' *inkèya*, *pleyu*, u *treyak* għal *inkejja*, *plejju*, u *trejjaq*. Vassalli juża l-'j' eżattament kif nużawha llum: *mejjet*, *bekkej*, *jedd*, u l-bqija.

[110] In-nutara rari kitbu l-'j' u x-'x' skond kif jidhru llum: *Jannar*, *ma tigix*, *inexifech* (innixfek), eċċ. Patri Pelaġju jagħti *rix*, *xarba*, u *xandar*, eżattament kif jinkitbu fi żmienna. Mill-bqija Megiser jagħti *schiech*, *schems*, *u schini* għal *xiħ*, *xemx*, u *xini*; Skippon jagħti *scitua*, *sceluk*, u *sciarr* għal *xitwa*, *xellug*, u *xagħar*; Mifsud jagħti *fiesc*, *scbeiba*, u *sceuca* għal *fiex*, *xbejba*, u *xewqa*; filwaqt li De Soldanis jagħti *mscerred*, *biesc*, u *scein* għal *mxerred*, *biex*, u *xejn* rispettivament.

influwenza ċara ta' l-ortografija Taljana. Dan ma setax kien mod ieħor meta tqis li s-soċjetà kollha ta' l-epoka kienet mgħaddsa kompletament f'dik il-kultura.

L-akbar numru ta' inkonsistenzi jidher fir-realizzazzjoni tal-fonemi /ʔ/, /k/, u /ħ/ u l-psewdo-fonema //għ//. Innota, per eżempju, l-inflessjonijiet *tahraq* (h-r-q), *tascrach* (sc-r-ch), *jiahrak* (h-r-k), *iahrac* (h-r-c), u *jahrach* (h-r-ch) li jirrendu il-verb *ħaraq* (ħ-r-q) tal-lum.

Il-fonema /ʔ/ (illum murija bil-grafema 'q') hija rrealizzata b'żewġ modi: (a) 'c' bħal f'*nactalu* (naqtagħlu), *noctlu* (noqtlu), *oncu*, (għonqu), *nitcarbnu* (nitqarbnu), *berca* (berqa), *caddis* (qaddis), *lancas* (lanqas), *cat* (qatt), u *carnit* (qarnit), eċċ., u (b) 'ch' bħal f'*nilkach* (nilħaq), *zercha* (żerqa), *chamar* (qamar), eċċ.

Il-fonema /k/ hija rrealizzata b'żewġ modi: (a) 'c' bħal f'*ucol* (ukoll), *Cristu* (Kristu), *tacom* (tagħkom), *cont* (kont), *tiec* (tiegħek), eċċ., u (b) 'ch' bħal f'*nactalech* (naqtagħlek), *rasech* (rasek), *chif* (kif), *dach* (dak), *chin* (kien), *natich* (nagħtik), *iech* (jekk), *halich* (għalik), eċċ.

Il-fonema /ħ/ hija rrealizzata bi tliet modi: (a) 'h' bħal f'*phal* (bħal), *hafniet* (ħafniet), *bahar* (baħar), *cahla* (kaħla), *nahla* (naħla), eċċ., (b) 'k' bħal f'*ruk* (ruħ), *nilkach* (nilħaq), *takt* (taħt), eċċ. u (ċ) 'ch' bħal f'*melch* (melħ), *chrara* (ħrara), *fachme* (faħma), *chamsa* (ħamsa), *merchiba* (merħba), eċċ.).[111] Każ rari huwa *scalchech* (ħalqek).

Id-digraff 'għ' tal-lum hu rrealizzat b'diversi modi: (a) 'h' bħal f'*haliesc* (għaliex), *hain* (għajn), *tugiahni* (tuġagħni), *handi* (għandi), *halich* (għalik), *hamel* (għamel), *harusi* (għarusi), *mihech* (miegħek), *tiahac* (tiegħek), eċċ., (b) 'gh' bħal f'*inghamdech* (ingħammdek), *tighib* (tgħib), *minghul* (mingħul), eċċ., [112] (ċ) 'hg' bħal f'*ihgammar* (jgħammar), *inhget* (ingħid), eċċ., u (d) saħansitra 'k' bħal f'*kamlet* (għamlet).[113] Drabi oħra titħalla barra għal kollox, bħal fil-każ ta' *oncu* (għonqu), *jamel* (jagħmel), *namlu* (nagħmlu), *jatuna* (jagħtuna), *natich* (nagħtik), *tacom* (tagħkom), *tismani* tismagħni, eċċ.

L-influwenza tat-Taljan, il-lingwa li fil-fatt kienu jiktbu biha n-nutara, tidher f'irqaqat oħra; ngħidu aħna, fl-użu ta' l-artiklu 'l'', bħal fil-każ ta' *l'appostli* u *l'isem*, kif ukoll fil-kitba ta' kliem u frażijiet bħal *acqua benedetta* (ilma mbierek), *benedizioni*, u *digna* (bil-'gn').[114] Kliem bħal *carcerata, dolur*, u *picciet* (< Tal. *pezzo*) aktarx kienu għadhom fi stat ta' tranżizzjoni, qabel ma saru *kkalzrata, dulur*, u *biċċiet* rispettivament.

---

[111] Megiser jagħti *chops, mniecher*, u *chaiat* għal *ħobż, mnieħer*, u *ħajjat*; Skippon jagħti *chafif, merchi*, u *chabib għal ħafif, merħi*, u *ħabib*; De Soldanis juża kliem bħal *ochra, chareg*, u *chamsin* għal *oħra, ħareġ*, u *ħamsin*; filwaqt li Patri Pelaġju jagħti *meschun, sachna*, u *machsul* għal *mishun, saħna*, u *maħsul* rispettivament. De Soldanis juża wkoll id-digraff 'hh' fi kliem bħal *mhhares, wihhet*, u *hhaseb* għal *mhares, wieħed*, u *ħaseb*.

[112] L-istess jagħmel Patri Pelaġju fi kliem bħal *ghorfa, ghira*, u *maghzul*. Interessanti kif, xi drabi, hu jinfilza l-vokali 'a' biex jissuġġerixxi l-preżenza ta' l-'għ', fi kliem bħal *maalem, xaaar*, u *aarusa* għal *mgħallem, xagħar*, u *għarusa* rispettivament. Bonamico (1672–75) kien uża l-'â', għall-'għ' fi kliem bħal *âasfura, âaineina*, u *â'dda* għal *għasfura, għajnejna*, u *għadda*.

[113] Fil-każijiet meta l-'għ' tidher f'postha preċiż, wieħed jista' jikkontempla l-possibbiltà li f'dawk iż-żminijiet kienet titleħħen.

[114] Megiser u Mifsud ukoll jagħtu *digna* filwaqt li Thezan jagħti *degna* u Vassalli jagħti *dynjæ*.

Mil-lat morfoloġiku jispikkaw tliet aspetti: (a) l-agglutinazzjoni ta' kultant ta' l-artiklu man-nom suċċessiv, bħal fil-każ ta' *isseua* (is-sewwa), *irruh* (ir-ruħ), *iddin* (id-din), *idduep* (id-dwieb), *irrich* (ir-riħ), *eddeni* (id-deni), eċċ. u l-agglutinazzjoni tal-prepożizzjonijiet u l-partiċelli mal-verbi jew in-nomi suċċessivi bħal fil-każ ta' *matamelsc* (ma tagħmilx), *flisem* (fl-isem), *beslime* (bis-sliema), *fdach* (f'dak), *biddimuh* (bid-dmugħ), *brigleia* (b'riġlejja), eċċ.; (b) it-taqsim żbaljat ta' xi kliem bħal fil-każ ta' *t'hahrachni* (taħraqni), *t'leblibni* (tleblibni), eċċ.; kif ukoll (ċ) it-tehmiż pjuttost stramb ta' suffissi pronominali ma' xi kliem bħal fil-każ ta' *calzettich* (il-kalzetti tiegħu), *cappellu* (il-kappell tiegħu), eċċ.

L-idjosinkraziji tal-kanċilliera jidhru f'ċirkostanzi oħra. Hafna drabi, speċjalment fil-każijiet li ġew irreġistrati f'Għawdex, tixref l-influwenza djalettali fit-traskrizzjoni ta' xi kliem: *bisbiesa* (busbiesa), *lilik* (lilek), *chibrita* (kubrita), *hilua* (ħelwa), *infixkil* (infixkel), *le* (la), *men* (minn), *imiscuch* (imexxuk). Xi drabi titfaċċa wkoll xi kelma arkajika li qajla tismagħha llum: *emdanna* (imdanna, kunjata), *din* (twemmin), u *teuchu* (tewku, il-kullar tiegħu). Fl-aħħarnett ta' min jinnota n-numru konsiderovoli ta' kelmiet bil-vokali epentetika; fosthom, *tichun*, (tkun); *machirugia* (maħruġa), *gibili* (ġibli), *nihar* (nhar), *ginien* (ġnien), eċċ.[115] Dan jista' jixhed li xi kliem kien għadu eqreb il-forma oriġinali Għarbija.

## 5. Konklużjoni

Biex wieħed isib xi taħdit bil-Malti fil-proċessi ta' l-Inkwiżizzjoni, irid jgħarrex b'reqqa u b'paċenzja kbira, daqs wieħed li qiegħed ifittex labra qalb munzell tiben. Bla dubju hemm kampjuni oħrajn barra dawk miġjuba hawnhekk; imma ma jistgħux ikunu ħafna aktar. Hu interessanti li numru konsiderevoli ta' eżempji waslu minn Għawdex.

Mil-lat soċjoloġiku, dan it-taħdit jindika, minn ta' l-anqas żewġ realtajiet: id-dagħa bla rażan fost il-Maltin, u l-medda wiesgħa ta' superstizzjonijiet li kien hawn qalb il-poplu, partikolarment fost in-nisa. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, id-diskors irreġistrat, għalhekk, kien ta' natura eretika.

Mil-lat lingwistiku, il-kampjuni jistgħu jkunu utli minħabba n-nixfa kbira ta' testi letterarji bil-Malti li waslulna mill-istess żminijiet. Naturalment, fejn jidħol il-Malti mitħaddet f'dawn iż-żminijiet, ma nistgħu qatt noħorġu b'regoli ġenerali, kemm għax il-kampjuni disponibbli huma skarsi immens, u kemm għax in-nutara li ħażżewhom kellhom il-manjeriżmi ortografiċi tagħhom li kienu jvarjaw b'mod mill-aktar konspikwu. Apparti minn hekk, jista' jkollna raġun niddubitaw ukoll mill-affidabbiltà ta' l-iskribi. Kif nistgħu nkunu ċerti li huma kitbu eżattament dak li semgħu? Wara kollox, l-eżempji miġjuba f'dan l-istudju qasir ikopru każijiet li kienu rreġistrati bejn l-1579 u l-1794 (medda ta' aktar minn mitejn sena); għaldaqstant, id-differenzi huma kotrana biżżejjed biex jipposponu kull xorta ta' ġudizzju lingwistiku konklużiv.

---

[115] Thezan jagħti *fedelokom*, *meselub*, u *meselem* għal *fidloqqom*, *mislub*, u *mislem*; Skippon jagħti *dibiba*, *lisien*, u *sigira* għal *dbiba*, *lsien*, u *siġra*; filwaqt li Patri Pelaġju jagħti *kedusia*, *ghêzira*, u *mèthana* għal *qdusija*, *għira*, u *mithna* rispettivament.

Hajr: Nixtieq nirringrazzja lil Dr Francis Ciappara, lil Dr Carmel Cassar, u lil Dr Joe Zammit Ciantar li ġentilment aċċettaw li jaqraw l-abbozz ta' dan l-istudju u li bis-suġġerimenti tagħhom għenuni norqmu u ntejbu. Nirringrazzja wkoll lil Dr Mark-Anthony Falzon, li għaddieli xi rimarki antropoloġiċi marbuta mal-fenomenu tad-dagħa, lil Dr William Zammit, u lil Mons. Vincenz Borg, Kuratur ta' l-Arkivju ta' l-Inkwiżizzjoni, fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina.